# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 863

Novembru 2004

## Kenn xieraq għas-Saċerdoti Għawdxin










# JIEM IMPORTANTI

## biex INT taħseb iktar f'ĦUTEK

**JUM IL-KARITÀ**
Fil-Festa ta' Kristu Re

**JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**
Fit-3 ta' Diċembru

**JUM IL-ĦAJJA**
Fl-Ewwel Ħadd ta' Frar

**JUM IL-MORDA**
Fil-11 ta' Frar

**KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJU**
Matul ir-Randan kollu

**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Qrib il-Festa Titulari ta' kull Parroċċa

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista :
Kenn xieraq għas-Saċerdoti Għawdxin • 13
Lenti fuq il-ħajja madwarna :
La taqleb is-Sittin •17
Versi Riflessivi •19
ACM: "Mane Nobiscum Domine" •20
Bookmark:
Tagħlim estensiv dwar il-Purgatorju • 22
Suppliment:
Kungress Internazzjonali tal-Kleru • 22
Għawdex 300 sena ilu :
Ordinazzjonijiet, Statuti u Liġijiet • 31
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu:
It-Trinità Qaddisa (31) • 32
Il-Biedja f'Għawdex (30) • 38
Għawdex... Kif nafu u narah jien (9) •38
Xhieda Nisranija: Karolina Cauchi(3) •40
Għawdxin li għadna niftakru (19) -
Anton Callejja • 42
Passiġġata Biblika- 2 • 44
Int u saħħtek • 46
Għawdex Sportiv • 48
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 50

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 863***
***Novembru 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta' Ottubru 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Dar Djoċesana għall-Kleru Għawdxi**
**(ara l-Intervista, pp. 13-16)**

EDITORJAL

# *Insalvaw il-Wirt Storiku ta' Gżiritna*

*Il-gżira tagħna ta' Għawdex, minkejja ċ-ċokon ġeografiku u l-limitazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha, hija mogħnija b' wirt naturali, storiku u kulturali kbir, li jissorpendi mhux ftit meta jiġi mkejjel mal-kobor u l-popolazzjoni ta' gżiritna. M' humiex ftit dawk il-postijiet ta' nteress li fil-gżejjer tagħna huma uniċi. Uħud, bħal ma huma il-bajjiet, il-kosta u l-pajsaġġ naturali, tahomlna hekk il-Ħallieq; oħrajn, bħat-tempji preistoriċi, fdalijiet arkeoloġiċi u fortifikazzjonijiet militari sawwruhom u għaddewhomlna missirijietna flimkien ma dawk li ħakmu fuqna, u fl-aħħar iżda mhux l-inqas, uritna wkoll kultura partikulari li fi ħdanha tinkorpora diversi aspetti li jagħmluha waħda sinjura.*

*Dan il-wirt naturali, storiku u kulturali, b' xi mod jidentifikana bħala Għawdxin u għalhekk jeħtieġ li mhux biss inkunu kburin bih, imma wkoll inħarsuħ u nippruvaw nippreservawh għal ta' warajna. Għaldaqstant f' dak li hu kultura, filwaqt li rridu nżommu l-karatteristiċi tipiċi tagħha, jeħtieġ li nħalluha tevolvi u tassimila l-bixra kontemporanja, biex din tgħaddi għal ta' warajna bil-marka u l-kontribut ta' żmienna wkoll.*

*B' għafsa ta' qalb, wieħed iżda jinnota li parti minn dan il-wirt imprezzabbli, b' mod speċjali dak storiku, mhux qed jingħata l-kura li tixraqlu. Mingħajr ma tkun xi espert, faċli tintebaħ li postijiet bħall-Ġgantija, iċ-Ċittadella, fortifikazzjonijiet militari mxerrda ma Għawdex kollu u siti arkeoloġiċi oħra ilhom fi stat ta' abbandun u telqa issa snin twal. Ħafna minn dawn is-siti jeħtieġu immedjatament proġetti ta' restawr jew ta' l-inqas ta' konservazzjoni qabel ma nitilfuhom għal kollox u mbgħad ikun tard wisq. Ta' min tkun il-ħtija jekk għad nitilfu xi wieħed minn dawn il-postijiet hekk prezzjużi fi gżiritna? Żgur li jekk jiġri dan ta' warajna għad ġustament jikkundannawna li ma apprezzajniex biżżejjed dak li ta' qabilna għaddewlna.*

*Is-sena li għaddiet f' Malta ntefqu madwar seba' miljun lira fi proġetti ta' restawr fuq postijiet u monumenti storiċi, imma milli jidher Għawdex baqa' b' xiber imnieħer. Jew Għawdex imissu dejjem l-aħħar jew ftit minn dak li jibqa żejjed! Qegħdin nistudjaw il-possibilità li nakkwistaw xi fondi allokati għal dan l-għan mill-Unjoni Ewropeja? Meta se nieħdu bis-serjetà din il-kwistjoni, meta jkun tard wisq?*

*F' dan ir-rigward il-barranin jgħallmuna. L-interess li juru dawk li jiġu jżuru l-pajjiżna f' dawn il-monumenti storiċi, għandu jqanqal il-kuxjenza tagħna biex ma nibqgħux passivi quddiem sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn imma nagħrfu napprezzaw iżjed il-wirt storiku tagħna u b' mod kollettiv nieħdu azzjoni serja u immedjata biex dawn il-ġawhar ta' pajjiżna jiġu salvati!*

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

*Seminarista Joseph Curmi*

### *Żjara tal-Isqof fl-Oratorju Don Bosco*

Nhar il-Ħadd 26 ta' Settembru l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, iċċelebra quddiesa fil-kappella tal-Oratorju Don Bosco, fil-Belt Victoria. Din il-kappella f'dawn l-aħħar żminijiet ġiet restawrata u mogħtija dehra ġdida. Wara l quddiesa Mons. Isqof attenda għal-laqgħa flimkien ma' xi lajċi volontarji li jagħtu daqqa t'id fil-ħidmiet tal-Oratorju.

### *Ftuħ tas-Sena Skolastika*

Is-sena skolastika fil-gżejjer tagħna tiftaħ lejn l-aħħar ta' Settembru. Dan jgħodd ukoll għall-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex. Għal din l-okkażjoni, jiġifieri tal-ftuħ tas-sena skolastika fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, Mons. Isqof iċċelebra quddiesa flimkien ma' xi għalliema saċerdoti lill-istudenti u l-istaff ta' din l-iskola. Fost l-oħrajn huwa saħaq fuq l-impenn li wieħed għandu jagħmel biex jakkwista kemm jista' f'dan il-mument opportun.

### *Quddiesa għall-Irġiel f'Ta' Pinu*

Għall-okkażjoni tal-festa tal-Arkanġli Qaddisa, nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata fis-Santwarju Ta' Pinu. Din l-attività tiġi organizzata kull sena mill-Kummissjoni Lajċi Insara għall-irġiel tad-djoċesi. Fl-omelija tiegħu Mons Isqof qal li l-anġli qaddisa huma spirti puri kif inhu spirtu pur Alla l-imbierek. Il-bniedem hu wkoll spirtu imma spirtu bil-ġisem. Kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem għandhom il-bżonnijiet tagħhom, u fuq dan Mons. Isqof saħaq li min jemmen f'Alla ma jistax jinsa li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra u li l-ħajja eterna hi wisq aktar importanti minn din il-ħajja li hija biss tħejjija għall-ħajja oħra. Għalhekk fil-ħajja hemm bżonn li nħarsu aktar lejn il-prijoritajiet veri.

### *Bidu tas-Sena Formattiva*

Il-Ħamis 30 ta' Settembru Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi flimkien ma' diversi *formators* u *lecturers* tas-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù fosthom ir-Rettur preżenti Dun Anton Teuma, iċċelebraw quddiesa bħala ftuħ tas-sena l-ġdida formattiva u skolastika. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu preżenti s-seminaristi li din is-sena jagħmlu parti mil-kommunità tas-Seminarju. Fil-priedka tiegħu Mons. Isqof saħaq li l-impenn tas-seminaristi għandu jkun b'differenza għax ibbażat fuq dak li hu spiritwali. Barra minn dan it-teoloġija m'għandhiex tibqa' suġġett, imma trid twassal lil min jistudjaha biex jagħraf u jersaq aktar lejn Alla.

### *Żjara fl-Okkażjoni ta' Jum l-Anzjani*

Peress li nhar il-Ġimgħa 1 t'Ottubru ġie ċċelebrat 'Jum l-Anzjani', is-Sibt 2 t'Ottubru Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għamel żjara lid-Djar tax-Xjuħ kemm irġiel u kemm nisa, fosthom Sant' Anna. Din iż-żjara kienet organizzata mill *Caritas* t'Għawdex. Xi voluntiera ta' din l-għaqda kif ukoll Mons. Manwel Curmi akkumpanjaw lil Mons. Isqof. Barra minn dan, il-Ħadd 3 t'Ottubru f'Ta' Pinu ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija fejn kien hemm preżenti diversi anzjani kemm irġiel kif ukoll nisa.

### *Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Patroċinju*



Nhar it-Tlieta, 5 t'Ottubru, fil-Knisja Bażilka ddedikata lill-Madonna tal-Patroċinju ġewwa l-Parroċċa tal-Għasri, saret ċelebrazzjoni speċjali. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi poġġa fuq ix-xbieha tal-Madonna kuruna u stellarju.

### *Ġimgħa tal-Familja*

Il-parroċċa tal-Għarb bejn l 4 u l 10 t'Ottubru organizzat ġimgħa ta' tagħlim u laqgħat għall-familji. Fost l-oħrajn ġie mistieden Mons. Isqof li nhar il-Ħamis 7 t'Ottubru ltaqa' ma' għadd ta' koppji miżżewġin fil-knisja parrokkjali tal-Għarb.

### *Pellegrinaġġ mill-"Malta Hospice Movement"*

Nhar is-Sibt 9 t'Ottubru, l-E. T. Mons Isqof Nikol, Ġ. Cauchi iċċelebra l-Ewkaristija f'Ta' Pinu. Fost l-oħrajn ipparteċipaw membri u voluntiera tal-*Breast Cancer Support* li tant jaħdmu biex joħolqu konoxxenza fil-pubbliku dwar din il-marda kif ukoll jgħinu lil min hu marid biha.

### *Laqgħa tas-Surmastrijiet tal-Iskejjel Privati*

Fil-bidu ta' din is-sena skolastika, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ltaqa' mas-surmastrijiet tal-iskejjel privati t'Għawdex ġewwa l-Kurja. Din saret nhar l-Erbgħa 13 t'Ottubru. Huma tkellmu dwar diversi problemi tal-iskejjel fi żmienna. Barra minn dan ġie diskuss l-bżonn li fl-iskejjel privati barra s-*social worker* li ġa qed jiffunzjona, għandu jkun hemm ukoll *counsellor*. U hekk f'din il-laqgħa ġie ntrodott dan is-servizz il-ġdid li fi żmienna dejjem qed isir aktar importanti u neċessarju.

### *Kungress tal-Leġjun ta' Marija*

Fis-17 t'Ottubru sar kungress tal-*Comitium* tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. Dan sar fil-Kunvent ta' Santu Wistin, Victoria. Dan kien jikkonsisti f'nofs ta' nhar ta' talb u diskussjonijiet b'temi diversi. It-tema ġenerali ta' dan il-kungress kienet 'l-Ewkaristija, ċ-Ċentru tal-Ħajja Leġjunarja'. Fost l-oħrajn saret konċelebrazzjoni immexxija mil-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi flimkien mad-Diretturi Spiritwali. Fost l-oħrajn tkellmu d-diretturi spiritwali, Mons. Rużar Borg, Mons. Salv Borg u Mons. Karm Hili.

### *Tberik tad-Dar Djoċesana tal-Kleru*

Wara xi xogħlijiet ta' estensjoni nhar il-Ħadd 17 t'Ottubru Mons. Isqof Nikol Cauchi, fetaħ uffiċċjalment u bierek din id-dar gdida għal sacerdoti anzjani fiċ-ċentru pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb, fil-Belt Victoria. Din id-dar fiha 12 -il kamra tas-sodda bil-faċilitajiet kollha, kif ukoll diversi kmamar tal-laqgħat. Kien hemm bżonn ta' dar ġdida minħabba li dik ta' qabel, fil-Konservatorju tal-Isqof, issa għalqet uffiċċjalment. Kienu diversi l-benefatturi li għenu f'din il-missjoni għas-saċerdoti anzjani. Ara l-Intervista f'paġni 13-16.

### *Għeluq tal-Kungress tas-Saċerdoti*

Nhar il-Ġimgħa 22 t'Ottubru ġie fi tmiemu l-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti li għalih attendew numru kbir ta' saċerdoti fosthom anki minn pajjiżi fejn il-Knisja Kattolika hija biss minoranza bħaċ-Ċina, ir-Russja, l-Lvant Nofsani u l-Iraq. Il-parteċipanti tal-Kungress waslu Għawdex il-Ġimgħa filgħodu u ġew milqugħa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija, fejn fil-messaġġ tiegħu qal li l-preżenza tagħhom hi sinjal ċar tal-universalità tal-Knisja u tal-fraternità saċerdotali. Fil-għaxija imbagħad, il-kongressisti ħadu sehem fil-quddiesa tal-għeluq tal-Kungress li saret fil-pjazza Ta' Pinu. Il-programm beda bir-reċita tar-Rużarju quddiem ix-xbieha tal-Madonna u dan kien segwit b'quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju tal-Istat tal-Vatikan. Fit-tmien tal-quddiesa li għaliha kienu preżenti l-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru u l-ogħla awtoritajiet miż-żewġ naħiet tal-kamra tad-deputati ta' Malta, is-saċerdoti għamlu l-konsagrazzjoni tagħhom lill-Madonna.

### *Relikwi tal-Beata Mirjam ta' Ġesù Imsallab fix-Xagħra*



Il-Beata Mirjam twieldet f'Nazareth u mietet f'Betlem. Hi saret soru mal-Ordni Tereżjan u għexet ħajja ta' qdusija kbira li fiha kienet tispikka l-umiltà. Hi kienet issejjaħ lilha nfisha 'ix-xejn iż-żgħir'. L-urna bil-fdalijiet tagħha ġiet Għawdex, fil-Parroċċa tax-Xagħra bejn il-21 u t-23 ta' Ottubru. L-iskop ewlieni ta' din iż-żjara f'għeluq il-125 sena mill-mewt ta' din il-Beata, kienet biex isir talb għall-paċi fl-Art Imqaddsa.

### *Ġimgħa Missjunarja*

Din is-sena matul l-ġimgħa missjunarja saru diversi attivitajiet. Fost l-oħrajn saret laqgħa lill-adoloxxenti u żgħażagħ ġewwa l-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla. Barra minn dan il-Grupp Missjunarju Għawdxi iċċelebra quddiesa ġewwa s-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù b'suffraġju għal ruħ Dun Mikiel Attard, missjunarju li kien t'għajnuna kbira għal dan il-grupp, li f'Awissu li għadda l-Mulej sejjaħlu għal għandu.

### *"Hospice Movement"*

Nhar it-Tlieta 26 t'Ottubru Mons. Isqof Cauchi iċċelebra l-Ewkaristija fl-anniversarju mill-bidu tal-*Hospice Movement*. F'din iċ-ċelebrazzjoni ipparteċipaw diversi membri u voluntiera tal-*Malta Hospice Movement*. Uħud minn dawn ġew ukoll minn Malta. Dan il-moviment ilu jagħti servizz lill-morda bil-marda tal-kanċer, għal dawn l-aħħar 15 -il sena. Barra milli jagħtu servizzi utli għal dawn il-morda, huma jnisslu tama u rassenjazzjoni permezz tal-imħabba li huma juru ma' ħuthom fil-bżonn.

Majestic too Electronics Centre
Video & DVD Rentals,
*Sales of*: TV's, VCR's, Hi-Fi,
Mobile Phones & Air-Conditioners
*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
Tel: 2156 6616 Mob:79461299

**Authorized Dealers in Gozo for**
SAMSUNG — *Satellite Receivers*
SANYO — *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer — *Sound and Vision*
Roadstar — *Hi-Fi's of All Kinds*

*REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.*

# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

### *"Melita's Mystique . . . one artist's dream"*

Dan huwa l-isem ta' wirja ta' xogħolijiet ta' l-arti li tella' l-artist żagħżugħ Vince Caruana bejn it-2 u t-22 ta' Ottubru. L-esebizzjoni ttellgħet fis-Sala tal-Wirjiet Ministeru għal Għawdex, Victoria. Din kienet it-tielet wirja personali ta' Caruana u kienet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex. Il-kwadri kienu juru xeni sbieħ tal-pajsaġġ Malti u Għawdxi.

### *"Car Free Day" fin-Nadur, Għarb, Munxar u Victoria*

Din il-ġurnata kienet fit-22 ta' Settembru. F'Għawdex kellna tliet lokalitajiet fejn xi toroq kienu magħluqin għat-traffiku matul din il-ġurnata. Fin-Nadur kienu magħluqa Triq Diċembru 13 u Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m. Fl-Għarb kellna Triq Dun Alwiġ Mizzi u parti minn Triq il-Knisja bejn id-9.00 a.m. u 12.00 p.m. Fil-Munxar it-traffiku ma setax jgħaddi mill-pjazza tal-Knisja, minn Triq il-Madonna tal-Karmnu u parti minn Triq Kolaċi bejn it-8.30 a.m. u 12.00 p.m. Il-Kunsill Lokali ta' Victoria bħala parti mill-'*Car Free Day*', għalaq għat-traffiku, għajr għall-karrozzi tal-linja u xi trakkijiet li kellhom iħottu xi merkanzija, parti minn Triq ir-Repubblika, sa Pjazza Savina bejn it-8.00 am u nofsinhar.

### *"Transcending the Ordinary... from an islander's perspective"*

Dan kien l-isem ta' wirja ta' arti ta' l-artist Christopher Saliba li nżammet fil-Banca Giuratale, Victoria. Il-wirja fetħet fil-bidu ta' Ottubru u baqgħet miftuħa sal-Ħamis 14 ta' Ottubru.



### *In-"Nabucco" fl-Aurora*

Is-Soċjetà Filarmonika Leone tellgħet din l-opra ta' Verdi s-Sibt 16 ta' Ottubru fis-7.30pm fit-Teatru ta' l-Opra Aurora Victoria. Din kienet il-25 opra li ttellgħet f'dan it-teatru. Din l-opra kienet saret ukoll fid-19 ta' April 1986. Ħadu sehem kantanti ta' fama internazzjonali flimkien ma' talent lokali, fosthom il-Baritonu Antonio Salvadori, is-Sopran Stefania Spaggiari, il-Baxx Martin Gurbal u t-tenur Francesco Anile. Fost il-kantanti Maltin kellna lis-Sopran Claire Massa, il-Baxx Albert Buttigieg, it-Tenur Brian Cefai u s-Sopran Għawdxija Rita Dimech. Mro. Colin Attard mexxa l-Orkestra Nazzjonali. Il-kor ta' l-Aurora wkoll ta sehmu.

## *Kultura Ċiniża f'Għawdex*

Mill-Ġimgħa 8 sal-Ħadd 10 t'Ottubru, ġiet organizzata tmiem il-ġimgħa Ċiniż ġewwa Għawdex (*Chinese Weekend in Gozo*), imtella' miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, li nkluda Wirja ta' Fotografija – '*Beautiful China*' u '*Chinese Film Shows*' fil-Banca Giuratale, Victoria.

## *Tirbaħ Festival Internazzjonali*



Deborah Cassar minn Għajnsielem ġiet l-ewwel fil-vot tal-pubbliku waqt il-*"Golden Cross International Children and Youth Singing Festival"* li sar fis-16, 17, and 18 ta' Settembru fis-sala Sir Temi Zammit l-Università ta' Malta. Hija kkomponiet u kitbet il-kliem tal-kanzunetta rebbieħa *"One Day at a Time"*. Deborah ingħatat l-opportunità li tmur il-Macedonia fl-20 ta' Ottubru u tieħu sehem f'festival hemmhekk.

## *"Cinefamilja" - films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco*

L-Oratorju Don Bosco, wara waqfa għas-Sajf, reġa' beda juri l-films kull nhar ta' Ħadd għall-familja kollha. L-ewwel film ta' l-istaġun kien *Peter Pan* li ntwera l-Ħadd 3 ta' Ottubru.

## *"The Malta Historic Cities Festival" fil-Belt Victoria*

Bħala parti mill-attivitajiet organizzati f'Victoria, il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru filgħodu saret parata fi Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u ċ-Ċittadella, minn *Rooke Marching Band* – Banda minn Ġibiltà. Wara saret parata oħra fl-istess postijiet, din id-darba mill-Grupp *Sbandieratori Contrade di Cori* mill-Italja.

## *"Qala Folk Group"*



Is-Sibt 16 ta' Ottubru fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Qala ġie uffiċjalment imwaqqaf il-*Menhir – Qala Folk Group*, waqt serata ta' talent lokali. Dan il-grupp folkloristiku hu magħmul minn 18 il-persuna u joffri spettaklu ta' kant tradizzjonali, żfin folkloristiku u mużika tipika Maltija. Il-koreografija hi fdata f'idejn Charlie Sacco li għandu esperjenza kbira f'dan il-qasam, filwaqt li l-mużika hi f'idejn Maestro Michel Refalo.

## *"Festival Cittadella" - ġimgħa attivitajiet kulturali*

Il-*Victoria Clarinet Quartet* esegwew kunċert fis-Sentinella ġewwa Victoria l-Ħadd 17 ta' Ottubru fil-12.15pm. Id-dħul kien b'xejn. It-Tnejn 18 ta' Ottubru saru żjarat kulturali fiċ-Ċittadella u fil-Katidral ta' Għawdex immexxija minn Rev. Mgr. Dr. Joseph Bezzina. L-għada t-Tlieta sar kunċert bil-vjolin mill-vjolinista Tork Melykcan Zaman fis-sala tal-Wirjiet Pjazza San Franġisk Victoria. L-Erbgħa ttella' kunċert bl-istrumenti tar-ram minn Mark Gauci u Roderick Bugeja fil-qorti ta' Għawdex. Il-Ħamis ittellgħet lejla *jazz* ġewwa l-XS Club, Victoria. Lejla Għawdxija saret il-Ġimgħa, fejn kien servut ikel u xorb

tipiku Malti bil-parteċipazzjoni ta' bosta kantanti lokali u gruppi. Dan sar fil-*foyer* tal-Każin tal-Banda Leone. Fil-Knisja Katidrali ttella' s-Sibt kunċert ta' Mużika Sagra. Matul dawn il-ġranet, fil-Katidral ittellgħet wirja ta' oġġetti sagri u oħrajn antiki.

## *Xogħol ta' tiswija fuq is-saqaf tal-Kumpless Sportiv t'Għawdex*

Matul ix-xahar ta' Ottubru nbeda xogħol ta' tiswija fuq is-saqaf tal-Kumpless Sportiv t'Għawdex sabiex tiġi solvuta l-problema ta' l-ingress ta' l-ilma mis-saqaf. Sar xogħol mill-ħaddiema tal-Kumpless Sportiv li jikkonsisti fil-bdil ta' partijiet mill-*metal sheeting* tas-saqaf li ġarrbu ħsarat matul dawn l-aħħar snin kawża ta' l-elementi. Wara din l-ewwel fażi, tibda t-tieni fażi li tinkludi xogħol ta' tindif u għoti ta' materjal li jelimina l-ingress ta' ilma. Ix-xogħol kollu meħtieġ huwa stmat li jiswa madwar Lm2,500. B'mod regolari fil-Kumpless Sportiv jiġu organizzati sessjonijiet ta' sport kif ukoll manifestazzjonijiet oħra ta' natura soċjali, kulturali u kummerċjali, peress li dan huwa l-uniku spazju ta' daqs kbir fil-magħluq f'Għawdex. Matul din l-aħħar sena sar xogħol ta' modernizzar fil-Kumpless Sportiv li jinkludi xogħol fuq il-*parquet*, fiċ-*changing rooms*, xogħol marbut mad-dawl, l-ispazju ta' *storage* u bdil ta' *stair noising* fis-sala prinċipali kif ukoll l-istallazjoni ta' *extractor fans* fil-*gym*.

## *Alternattiva Demokratika – Kumitat Reġjonali għal Għawdex*

L-Alternattiva Demokratika (AD) waqqfet l-ewwel kumitat tagħha matul konferenza stampa li saret fi Pjazza Indipendenza s-Sibt 16 ta' Ottubru. Iċ-*Chairperson* ta' l-AD Dr Harry Vassallo qal li dan il-kumitat ser jiffoka fuq Għawdex u dak kollu li jmiss lill-Għawdxin mill-qrib, b'aċċenn fuq l-ambjent naturali tal-gżira. Il persuna nkarigata minn dan il kumitat hija Victor Galea.

## *Il-Kamra tal-Kummerċ u l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu favur is-servizz 'fixed-wing' bejn Malta u Għawdex*

Il-Kamra tal-Kummerċ Għawdxija u l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu f'Għawdex ħeġġew lill-Gvern biex jikkunsidra bis-serjetà l-introduzzjoni ta' servizz b'ajruplani *fixed-wing* bejn iż-żewġ gżejjer.

Servizz bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer hu meħtieġ fl-interess ta' l-ekonomija u ta' l-industrija tat-turiżmu fil-gżira Għawdxija. Iż-żewġ għaqdiet jemmnu li servizz b'ajruplan *fixed-wing* hu aħjar għaliex hu aktar ekonomiku u jħares aktar l-ambjent.

Fi stqarrija konġunta, iż-żewġ għaqdiet Għawdxin sostnew li "issa hu ż-żmien" li l-introduzzjoni ta' dan is-servizz ikun ikkunsidrat u jingħata b'mod frekwenti. Dan wara li s-servizz bil-*helicopter* provdut mill-*Malta Aircharter* bejn iż-żewġ gżejjer waqaf fl-aħħar ta' Ottubru, peress li ma kienx vijabbli u ma laħaqx il-livelli ta' sigurtà meħtieġa, kif mitlub mill-Unjoni Ewropea.

Bħalissa l-Gvern għaddej b'taħditiet mal-kumpannija Ingliża *Veritair* dwar servizz bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer. Fis-servizz bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer, li kien liberalizzat madwar sena ilu, kienu esperimew l-interess tagħhom 16-il kumpannija lokali u barranin. Sitta mill-kumpanniji ressqu proposti għal servizz bil-*helicopter*, disgħa għal servizz b'ajruplani *fixed-wing*, filwaqt li proposta waħda kienet għal servizz b'ajruplan tal-baħar.


## *EDIZZJONI ĠDIDA TAL-ENĊIKLIKA TAL-PAPA DWAR L-EWKARISTIJA: "ECCLESIA DE EUCHARISTIA"*




**Il-*Lumen Christi Publications* ta' Għawdex għandhom il-pjaċir iħabbru li għadha kemm ħarġet it-tieni edizzjoni tal-Ittra Enċiklika "*Ecclesia de Eucharistia*" (Il-Knisja tgħix bl-Ewkaristija) tal-Papa preżenti Ġwanni Pawlu II. L-ewwel edizzjoni li ħarġet is-sena l-oħra kienet eżawrita, u ħafna kienu dawk li xtaqu jakkwistaw kopja tal-enċiklika bil-Malti u ma kinux isibu.**

**Għalhekk il-"*Lumen Christi*" ħarġet din l-edizzjoni ġdida tal-enċiklika, bi traduzzjoni ta' Mons. Salv Borg, fuq qies taskabbli (tal-but) u b'qoxra tassew attraenti. F'din is-Sena Ewkaristika żgur li ħafna jkunu dawk li jagħmlu użu minn din l-enċiklika sabiħa tal-Papa, kemm għall-katekeżi kif ukoll għall-meditazzjoni personali.**

**Din l-edizzjoni ġdida tinsab għall-bejgħ fil-ħwienet ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex għall-prezz ta' Lm2. It-titlu bil-Malti għal din l-enċiklika huwa "Il-Knisja tgħix bl-Ewkaristija", u din l-edizzjoni ġdida ġiet ippubblikata fi ktejjeb ta' 83 paġna, imżewwaq b'inċiżżjonijiet antiki fuq '*art paper*'. Ktejjeb verament utli għal kulħadd!**




### *Riżorsi għas-Sena Ewkaristika*

Il-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ l-ittra apostolika *"Mane Nobiscum Domine"* (7 ta' Ottubru 2004) dwar is Sena Ewkaristika. Huwa jittama li l-inizjattiva twassal għal apprezzament akbar tar-rwol ċentrali ta' l-Ewkaristija fil-ħajja tal-Knisja, rispett akbar għan-normi liturġiċi, attitudni aktar riverenti lejn is-Santissimu Sagrament u sehem aktar attiv fil-Quddiesa tal-Ħadd. Intant, il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin ħarġet serje ta' suġġerimenti prattiċi biex jiġu osservati tul is-Sena Ewkaristika. Id-dokument ta' 35 paġna ġie ippubblikat fil-verżjoni Taljana fl-14 ta' Ottubru. Huma żewġ dokumenti ta' utilità kbira, l-aktar għall-operaturi tal-pastorali.

### *Għawdex jilqa' saċerdoti mid-dinja kollha*

Aktar minn 900 qassisin u isqfijiet minn 180 djoċesijiet inġabru f'Malta u Għawdex bejn it-18 u t-23 ta' Ottubru li għadda għal-Laqgħa Internazzjonali tas-Saċerdoti organizzata mill-Kongregazzjoni tal-Kleru. Il-Kungress infetaħ fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-Ġimgħa, 22 tax-xahar, sar pellegrinaġġ marjan għal Għawdex. Għall-ħabta tad-9.30 a.m. saret laqgħa fir-Rotunda tax-Xewkija li bdiet b'diskors ta' merħba mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Ġ. Cauchi u l-kant tal-Lawdi bil-Latin, immexxija mill-Kardinal Georg Maximilian Sterinsky, Arċisqof ta' Berlin li għamel ukoll meditazzjoni. Fi tmiem il-laqgħa, il-Kardinal Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru b'mod spontanju stieden xi saċerdoti ġejjin minn diversi nħawi tad-dinja biex jaqgħtu fil-qosor l-esperjenza tagħhom. Imbagħad il-kongressisti żaru l-Katidral, il-Mużew tal-Katidral, iċ-Ċittadella u San Ġorġ. Wara nofs in-nhar saret Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, fis-Santwarju ta' Pinu, kif ukoll l-Att tal-Konsagrazzjoni lill-Madonna.

### *Iż-żgħażagħ ta' l-Uganda jitolbu t-tmiem tal-gwerra ċivili*

Il-*leaders* żgħażagħ Kattoliċi ta' l-Uganda, miġbura minn 19-il djoċesi fil-pajjiż, insistew mal-gvern biex itemm gwerra ċivili twila kontra ribelli fit-tramuntana ta' l-Uganda. Iż-żgħażagħ bagħtu l-appell fi tmiem *workshop* ta' ġimgħa li kien ifakkar il-jum nazzjonali taż-żgħażagħ u mmarċjaw mill-belt ta' Webulenzi, b'kartelluni li jikkundannaw il-gwerra li ilha sejra 18-il sena. Fil-*workshop*, l-Isqof Cyprian Kizito ta' Kasana Lewero qal lill-grupp li l-gwerra irritardjat serjament l-iżvilupp tan-naħa ta' fuq tal-pajjiż. L-isqof ġie kkwotat minn *The Monitor*, l-unika gazzetta indipendenti fl-Uganda. Ikkwotat lill-isqof iħeġġeġ il-poplu biex jirrispetta l-motto nazzjonali, li jwissihom biex jaġixxu b'rispett lejn Alla. Il-gwerra m'hijiex parti mill-pjan t'Alla, huwa qal.

### *Seba' konklużjonijiet tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali*

Il-Kardinal Josef Tomko, legat tal-Papa għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar fi Guadalajara fil-Messiku mill-10 sas-17 ta' Ottubru li għadda, ippreżenta seba' konklużjonijiet fi tmiem il-laqgħa, dwar:
1. l-importanza tal-Quddiesa tal-Ħadd; 2. enfasi fuq il-purċissjoni tal-*Corpus Christi*; 3. l-adorazzjoni ewkaristika ta' kull għamla, inkluża dik ta' bil-lejl; 4. l-importanza tat-tqarbina spissa u denja, flimkien mas-sagrament tal-qrar; 5. l-ispirtu ta' missjoni li joħroġ mill-Ewkaristija; 6. il-qsim tal-mejda u tal-quddiesa mal-foqra; 7. it-tiġdid tal-fidi, tas-sagrifiċċju, tal-għaqda u tas-servizz fl-Ewkaristija.

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131




## L-AĦBARIJIET F'OTTUBRU... GĦAWDEX JISPIKKA FIL-ĠURNALI!

Ix-xahar li għadda tassew konna f'ilsien il-ġurnali! Innutajt li kważi kuljum, f'gazzetta jew oħra, kont issib xi ħaġa nteressanti x'taqra dwarna, aktar ħażin milli tajjeb. Fettilli ndur dawra ma' l-aqwa "*items*" li dehru f'aħbarijiet jew kummenti, u nżid ukoll il-melħa tiegħi...

1. ***Il-proġett ta' Ħondoq ir-Rummien ("Qala Creek") fuq skala iżgħar?*** (*l-orizzont, 7/10, p.1*):



*"Wara perjodu kwiet ta' sentejn, jidher li reġa' beda jberraq fuq il-bajja pittoreska ta' Ħondoq ir-Rummien fil-Qala... il-proġett kontroversjali tal-"Qala Creek" qed jerġa jiġi kkunsidrat, iżda fuq skala iżgħar... sentejn wara li l-poplu tal-Qala qal "le" b'maġġoranza assoluta ta' 84.5 fil-mija li m'għandux isir il-proġett..."*. **Nistaqsi**: Dan hu każ ieħor fejn min m'għaddiex mill-bieb iħalli ftit żmien jgħaddi biex inissi lill-poplu u jara jgħaddix mit-tieqa?! In-nies tal-Qala bidlu fehmithom? Tal-Kunsill Lokali x'jaħsbu?

## 2. *Il-Korsa tal-Golf f'Għawdex għal Ta' Ċenċ?*

(*l-orizzjont, 7/10, p.2*): *"...il-Gvern diġà tefa' ħarstu lejn l-għelieqi fl-inħawi f'Ta Ċenċ bħala s-sit fejn għadha tiġi żviluppata l-korsa (tal-golf) f'Għawdex... sorsi minn Għawdex qalu li dan huwa l-uniku post fejn f'Għawdex tista' ssir korsa tal-golf..."* **Nistaqsi**: Għaliex *"l-uniku post"*? Minħabba lukanda fil-qrib? F'pajjiżi oħra dejjem ikun hemm **bilfors** lukanda marbuta mal-korsa tal-*golf*? Jew din se tkun għar-residenti tal-lukanda **biss**? Kif jaħsbuha s-Sannatin? X'reazzjoni se juru l-Għawdxin?

## 3. *Kemm se jdumu jbatu bla biċċerija?*



(*l-orizzont, 14/10, p.9*): *"Il-produtturi tal-laħam Għawdxin jinsabu għaddejjin minn żminijiet xejn feliċi, għax f'Għawdex m'għandhomx fejn jagħmlu l-qatla tal-bhejjem tagħhom u għalhekk dawn iridu jeħduhom il-biċċerija ta' Malta... Il-Gvern għalaq il-biċċerija ta' Għawdex mindu dħalna fl-Unjoni Ewropea... u kien ivvota somma kbira biex tiġi modernizzata"*. **Nistaqsi**: Għaliex wara sitt xhur (mhux tliet xhur kif kien imwiegħed!) il-biċċerija t'Għawdex għadha ma tiffunzjonax? Kemm se jdumu l-gabillotti u produtturi tal-laħam jittrasportaw il-bhejjem lejn Malta fl-4.30 a.m. ?!

## 4. *Investiment ġdid fl-agrikoltura!*

(*In-Nazzjon, 21/10, p.5*): *"Il-kumpannija "Gozo Cottage" se tinvesti 200,000 Euro f'makkinarju għall-għasir taż-żejt taż-żebbuġa mingħajr*

# Ritratt... b'mistoqsija!




*intervent manwali... Saru kuntatti biex iż-żejt ikun esportat lejn l-Italja... Il-"Gozo Cottage" qed tagħmel kuntratti ta' sena mal-bdiewa biex jiżirgħu u jkabbru ż-żebbuġ, u jingħataw garanzija li l-kumpannija tixtri ż-żebbuġ kollu tagħhom. Il-mira hi li jinżergħu mal-15,000 siġra... S'issa nżergħu mas-6,000... Il-gvern qed jagħti għajnuna ta' 600 Euro għal kull ettaru ta' produzzjoni organika..."*

**Kumment**: Prosit tassew għal din l-inizjattiva oriġinali u sabiħa. Imma jekk se nesportaw lejn l-Italja biss, ma nafx kemm se jirnexxielna nikkompetu mal-abbundanza ta' żejt '*extra-vergine*' li għandhom it-Taljani...

## 5. Importanza xierqa lil Għawdex!

(*Il-Mument, 24/10, p.5*): *"Il-Gvern qed jagħti l-ogħla importanza lil Għawdex b'mod partikolari biex il-prodott turistiku jkompli jitjieb u jogħla l-livell tiegħu. Dan qalu Laurence Gonzi, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi... Għall-Prim Ministru, Għawdex għandu potenzjal kbir fil-qasam turistiku... żvilupp ta' korsa tal-golf... proġett tat-tempji tal-Ġgantija... proġett ta' l-Imġarr u ċ-Ċirkewwa... li jsaħħu t-turiżmu lejn Għawdex."*

**Kumment**: Donnu Kristofru Kolombu fl-aħħar kixef 'l Għawdex! Ilhom is-snin jissemmew dawn l-affarijiet, u madankollu... Bil-kliem sabiħ u l-wegħdi biss qatt ma wasalna mkien! Issa naraw meta l-paroli se jsiru fatti...

## 6. Riżultati inkoraġġanti fil-"Gozo Channel"!

(*In-Nazzjon, 28/10, p.1*): *"Il-proċess ta' ristrutturar li l-Gvern qed iwettaq fil-"Gozo Channel" qed jagħti r-riżultati tiegħu... Jirriżulta li fl-2003 il-"Gozo Channel", kienet tilfet Lm988,000 u fl-2002 Lm 852,000. Fl-2004 dan niżel għal Lm27,000 wara li l-"Gozo Channel" ingħatat madwar Lm700,000 f'sussidji... Riżultat tar-riformi li bdew jiġu implimentati, il-"Gozo Channel" żiedet id-dħul bi Lm 300,000... Tħabbar li s-servizz tal-"catering" m'hux se jibqa' jsir permezz ta' "sub-contracting", iżda se jsir direttament mill-impjegati... Dan għandu jwassal għal tnaqqis ta' Lm 150,000 fis-sena fl-ispejjeż tal-kumpanija... u mhux se jkunu impjegati ħaddiema żejda għalxejn, u dan se jwassal għal tnaqqis fl-ispejjeż ta' Lm180,000 oħra..."*



**Kumment**: Prosit! Mela fl-aħħar bdiet issir dixxiplina stretta fl-ekonomija tat-tberbieq! Mertu u sagrifiċċju ta' min? Tal-Ministru Austin Gatt, tal-*management* tal-"*Gozo Channel*", jew tal-poplu li qed iħallas aktar u tal-"*Caterers*" u ħaddiema li se jitilfu x-xogħol?! Għad irrid nara Ministri u rjus kbar oħra jagħmlu huma wkoll daqsxejn ta' sagrifiċċju u jħallsu t *ticket* bħal ħaddieħor... bil VAT ukoll!



## 7. Il-Ħelikopter... Kull bidu, mitmum!

(*Il-Ġens Illum, Asterisk, 30/10, p.4*): *"Kull bidu mitmum, jgħid il-qawl Malti. U hekk verament hu. Is-servizz bil-ħelikopter kien beda f'Ġunju 1990, u kien ifisser qabża kbira fil-kwalità fit-trasport bejn Malta u Għawdex. Qatt qabel ma kellna servizz bl-ajru... Grazzi kbir lill-ewwel Ministru għal Għawdex Anton Tabone... kienet it-tenaċità tiegħu... li wasslu biex dan is-servizz isir realtà 14-il sena ilu... U kien Karmenu Mifsud Bonnici, meta kien Prim Ministru ta' Malta, li għamel l-ewwel pass għat-twettiq ta' dan il-proġett... Is-servizz bil-ħelicopter kellu jieqaf minħabba li mhux sostenibbli; allura għandha minnufih tittieħed deċiżjoni ħalli l-"helipad" tiġi mtawla biex tkun tista' takkomoda l-"fixed-wing aircraft"... titwil tar-"runway" ta' bħalissa biex ikunu jistgħu jinżlu u jitilgħu ajruplani żgħar..."* **Nistaqsi**: Għaliex sitt ijiem biss qabel it-tmiem tas-servizz il-Gvern jgħidilna li qiegħed jiddiskuti u għadu jiddiskuti mal-"*Veritair*" biex toffri servizz ġdid, **sena wara** li kien jaf li l-ħelikopter kellu jispiċċa?! Kif nistgħu nkunu nafu jekk l-Għawdxin (almenu fil-maġġoranza tagħhom) iridux jew le "*airstrip*" flok "*heliport*", jew aħjar ajruplani żgħar "*fixed-wing aircraft*" flok ħelikopter ieħor? X'garanzija soda hemm li servizz b'ajruplani żgħar hu aktar ***sostenibbli*** minn dak li kellna bil-ħelicopter? X'kontroll għandu jkun hemm biex Għawdex ma jiġix invadut b'ħafna ajruplani żgħar li dilettanti lokali u barranin jistgħu joqgħodu itellgħu, iniżżlu u jittajru bihom, bi ħsejjes u "*air-pollution*" kontinwi matul il-ġurnata, speċjalment fuq l-irħula tal-qrib? Għawdex ser ikun aktar storbjuż u b'aktar arja mniġġsa b'dawn l-ajruplani żgħar? X'iridu sewwa l-Għawdxin **kollha**? Min jaf kieku kellu jsir "*referendum*" dwar dan?!

## 8. Aktar fil-qosor...

Trid tkun taf aktar x'deher f'Ottubru fil-gazzetti dwar Għawdex? Mela fittex dawn:

-**Dwar "Toroq Ġodda" għal Għawdex**: ara "*Il-Ġens Illum", 2/10, p.4; "l-orizzont", 21/10, p.9.* **Nistaqsi**: toroq "ġodda" jew tiswija ta' toroq "qodma"? Kemm ilha ma tinfetaħ triq "**ġdida**" tassew? Dwar dan niktbu darb'oħra...

-**Dwar "Sensji u Qagħad" f'Għawdex**: ara "*l-orizzont", 28/10, p.3*: l-aħħar statistika maħruġa mill-NSO turi li f'Settembru li għadda kien hemm 607 (425 irġiel u 182 nisa) jirreġistraw għax-xogħol (ETC) f'Għawdex. Tħabbar ukoll fl-Aġġornament tal-Parlament li 20 ħaddiem ieħor fil-kafetterija tal-"Gozo Channel" spiċċaw bla xogħol fl-aħħar tax-xahar, u li wħud mill-ħaddiema tal-Lukanda ta' San Lawrenz ġew issensjati b'diskriminazzjoni...

-**Dwar "Lukandi u Turisti" f'Għawdex u f'Kemmuna**: ara "*l-orizzont", 9/10. p.9; 20/10, p.2; 19/10, pp 1 u 3; 28/10, p.3*. Dwar dan is-suġġett ġa kkummentajna fl-aħħar ħarġa ta' "*Il-Ħajja f'Għawdex*"... Imma ma konniex għadna nafu li f'sena (Mejju 2003- Mejju2004 ) f'Għawdex naqsu wkoll ir-residenti ta' nazzjonalità Maltija fil-lukandi "*five-star*" (minn 713 għal 550 persuna) u f'dawk "*three-star*" (minn 400 għal 330), waqt li żdiedu fil-lukandi "*four-star*" (minn 956 għal 1,511). Għaliex? Ta' min jistaqsi lill-Maltin li jiġu fostna...

L-INTERVISTA

# KENN XIERAQ GĦAS-SAĊERDOTI GĦAWDXIN

**Dun Ruben Micallef jintervista lil Dun Eddie Zammit, Direttur tad-Dar Djoċesana tal-Kleru fl-okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċjali u t-Tberik tagħha, il-Ħadd 17 t'Ottubru, 2004.**



***Għaliex inħass il-bżonn li tinbena Dar tal-Kleru?***

Il-bżonn li tinbena Dar Djoċesana tal-Kleru ma nħass biss dan l-aħħar kif diversi jistgħu jaħsbu. Il-bżonn anki f'qies limitat ilu jinħass. U fil-fatt snin ilu fin-nofs tas-snin sebgħin, id-Djoċesi t'Għawdex kienet ħasbet biex parti mill-bini tal-Konservatorju ta' l-Isqof jiġi attrezzat għal dan il-għan. Ġew irranġati erbat' ikmamar u għal diversi snin ġie offrut servizz ta' akkoljenza f'dan il-bini. Is-servizz ta' ospitalità kien jiġi offrut b'imħabba u dedikazzjoni mis-Sorijiet tal-Karità, ta' Santa Giovanna Antide. Kien hemm żmien meta kien hemm tlett saċerdoti residenti f'din id-Dar.

Inħass il-bżonn li tinbena Dar ġdida djoċesana meta lejn it-tmiem tas-snin disgħin is-Sorijiet tal-Karità ma setgħux ikomplu bit-tmexxija tal-Konservatorju u wara numru mhux ħażin ta' snin kellhom jitilqu minn dan il-post li għal diversi snin kien immexxi minnhom bi skopijiet edukattivi. Mat-tmiem tat-tmexxija tas-sorijiet, l-awtoritajiet ekklesjastiċi ħasbu li jagħmlu użu differenti mill-post u fil-fatt twaqqfet skola tal-Knisja fuq livell primarju u dak sekondarju. L-uniku saċerdot residenti fil-parti riservata għas-saċerdoti anzjani ġie trasferit fid-Dar tas-Saċerdoti fil-kumpless tar-Ragħaj it-Tajjeb fl-inħawi taċ-Ċawla, Victoria.





***Kien hemm xi raġuni għax intagħżel dan il-post?***
Jien naħseb li kien hemm. Hawnhekk f'Taċ-Ċawla, meta d-Djoċesi t'Għawdex ħasbet li ttella l-kumpless tar-Ragħaj it-Tajjeb kellha fil-ħsieb li jinbena Ċentru Pastorali, li jkun jista' jaqdi l-ħtiġijiet kemm tad-Djoċesi kif ukoll dawk taż-żona mill-lat pastorali. Dan kien kunċett ġdid għal pajjiżna. Jgħidu li l-idea ġiet ikkuppjata mill-Belt ta' Liverpool fejn l-Isqof Cauchi kien jinsab fuq żjara pastorali. Fil-kumpless taċ-Ċentru Pastorali ġie maħsub li jkun hemm klassijiet tal-katekeżi, knisja li tesa' tliet mitt ruħ, ufficċji annessi magħha, swali għal-laqgħat, kif ukoll kmamar riservati għas-saċerdoti li jistgħu jgħixu ħajja flimkien u jaqdu fl-istess waqt il-ħtiġijiet pastorali kemm taż-żona kif ukoll dawk djoċesani. Infatti il-parti riservata għar-residenza tas-saċerdoti ilha taqdi din il-funzjoni sa mill-bidu tas-sena 1990. Għall-ewwel darba saċerdoti djoċesani kellhom l-opportunità li jgħixu flimkien f'dar għalihom. Dan kien possibbli bil-għajnuna ta' diversi benefatturi, l-iktar miż-żona taċ-Ċawla stess, li apprezzaw dan l-istil ta' komunjoni bejn is-saċerdoti djoċesani u dejjem kienu minn ta' quddiem fl-appoġġ tagħhom ta' kull xorta lejn id-Dar tas-Saċerdoti.



Naħseb li ntagħżlet id-Dar tas-Saċerdoti f'Taċ-Ċawla bħala Dar tal-Kleru għax kien u diġa' jeżistu dawk is-servizzi lesti biex jilqgħu xi saċerdoti anzjani li kellhom bżonn il-kenn. Fil-fatt meta l-uniku resident fil-Konservatorju ma kellux post fejn imur, l-Isqof talab lis-saċerdoti f'taċ-Ċawla u dawn laqgħuh b'idejhom miftuħa.

Inżid ngħid ukoll li din id-Dar partikulari apparti li qegħda f'żona kwieta, qrib l-Isptar Ġenerali t'Għawdex, toffri wkoll possibilità ta' ftit ħidma pastorali li tpoġġi lis-saċerdot anzjan f'kuntatt ma' komunità ħajja, u għalhekk mhux abbandunat jew iżolat għalih waħdu, ħaġa li kif nafu tant tweġġa lill-anzjani tagħna.

***X'tibdil kellu jsir fid-Dar u kif nibtet l-idea tal-estensjoni?***
Meta ilqajna lis-saċerdot anzjan fostna sibna biex nagħmlu xi tibdiliet fil-post biex minn dar li tilqa biss lis-saċerdoti pjuttost żgħażagħ, tibda tilqa' wkoll saċerdoti anzjani u għalhekk id-Dar bdiet taqdi uffiċċjalment il-bżonnijiet tal-Kleru speċjalment dak anzjan fuq livell djoċesan. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li jsir lift li jagħqqad id-diversi sulari flimkien, saret rampa li mill-livell tal-Knisja twassal sal-livell tat-triq, u saru wkoll il-pjanti meħtieġa biex id-Dar tiġi mkabbra biex toffri possibilità ta' aktar akkomodazzjoni ta' saċerdoti. Fil-fatt id-Dar issa tista' tilqa 12 il-saċerdot fi kmamar separati





u b'servizzi personalizzati. Jekk jinħass il-bżonn id-Dar tista' tiġi imkabbra bi tlett kmamar oħra.

## *Għall-benefiċċju ta' dawk li għadhom ma żarux id-Dar tista' tagħtina deskrizzjoni qasira tagħha?*

Id-Dar kif kont qed ngħid, fiha 12 il-kamra tas-sodda bis-servizzi magħhom, maqsuma fuq żewġ sulari. Insibu wkoll kċina kbira li sservi għad-dar kollha, *kitchinette* żgħira, sala tal-pranzu, salott, kamra tat-*TV*, *stores*, sala imdaqqsa għal-laqgħat tal-komunità saċerdotali, *washroom*, kif ukoll diversi terrazzi li jagħtu ħafna arja lid-Dar. Ingħatat kura partikulari fid-disinn tal-għamara, purtieri, u kuluri biex id-Dar toffri arja ta' ospitalità kemm għal dawk li huma residenti permanenti kif ukoll għas-saċerdoti mistiedna li kultant jiġu għal ftit taż-żmien f'din id-Dar.

## *Kif ġie iffinanzjat dan il-proġett?*

Dan il-proġett bħala inizjattiva djoċesana ġie iffinanzjat prinċipalment mid-Djoċesi t'Għawdex. Però kien hemm ukoll diversi benefatturi li offrew il-kontribuzzjoni tagħhom. Fosthom ta' min isemmi s-somma sabiħa ta' Lm5,000 li ta l-Kardinal Camillo Ruini, f'isem id-Djoċesi ta' Ruma b'apprezzament tal-ħidma tas-saċerdoti għawdxin f'din id-djoċesi tul iż-żmiem, il-*maratona* li saret fil-programm tal-Kappillan Ġorġ Bezzina fuq ir-Radju RTK fi żmien ir-Randan li laħqet is-somma sabiħa ta' Lm10,000, is-somma sabiħa li tatna Ms. Josephine Gray-Saliba permezz ta' donazzjonijiet ingliżi, u kontribuzzjonijiet oħra iżgħar mix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, l-Komunità Kattolika Ingliża t'Għawdex, u benefatturi partikulari. Diversi persuni ma qagħdux lura milli jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom. Kieku ma kienx hekk kieku ma konniex se naslu biex nagħmlu dar b'dawn is-servizzi. Verament inħossuna grati lejn dawk kollha li taw sehemhom.

## *Kif tħares lejn il-futur ta' din id-Dar?*

Jien inħoss li d-djoċesi għamlet sagrifiċċji kbar biex setgħet tidħol għall-piż tal-bini u l-estensjoni eventwali ta' din id-dar. Nistgħu ngħidu li l-bidu sar u għandna f'idejna struttura li bil-mod il-mod tista' tibda toffri servizzi bażiċi lis-saċerdoti li jkunu jeħtieġu kura u mħabba. Id-Dar ma tistax toffri mill-bidu kull tip ta' servizz li jinvolvi kura intensiva u speċjalizzata għax dan jitlob riżorsi finanzjarji li kif kulħadd jaf id-djoċesi fil-preżent m'għandhiex. Naturalment ma npoġġux limiti għall-Provvidenza! Jista' jkun li l-quddiem permezz ta' xi benefatturi jibda jingħata kull tip ta' servizz anki dak li jitlob investiment finanzjarju notevoli, speċjalment fl-ingaġġ ta' persuni speċjalizzati fil-kura tal-anzjani. Imma dan kif qed ngħid jiddependi ħafna mir-riżorsi li ser ikollna f'idejna. Intant irridu nkunu prattiċi u noffru minn dak li l-Provvidenza poġġiet fil-possibilità tagħna. Bħalissa qegħdin



noffru possibilità ta'ospitalità lill-kleru anzjan li m'għandux bżonn ta' kura intensiva. Kif qed ngħid is-sehem tal-volontarjat kif ukoll tal-komunitajiet insara ta' gżiritna huwa determinanti fis-suċċess ta' din id-Dar. Lesti li nilqgħu kull tip ta' għajnuna li tista' tiġi offruta.

***X'messaġġ tixtieq taqsam mal-qarrejja tagħna?***

Il-messaġġ tiegħi huwa l-ewwelnett kelma ta' apprezzament għal dawk kolha li nkuraġġewna b'kull mezz tul dawn it-tlett snin ta' xogħlijiet li ilna għaddejjin bihom fil-bini tad-Dar. Grazzi mill-qalb lill-benefatturi kollha li taw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom u lil dawk kollha li għenuna b'kull mod possibbli biex stajna naslu s'hawn. L-appell tiegħi hu għall-komunità nisranija tad-djoċesi tagħna. Nafu kemm hija komunità ġeneruża. Nistiednu lill-insara u speċjalment lis-saċerdoti tagħna biex meta jistgħu jappoġġjaw dan il-proġett li sar b'ħafna mħabba u sagrifiċċji. Jekk irridu li dan il-proġett ikompli jiżviluppa, rridu lkoll kemm aħna nibdew nagħtu s-sehem żgħir tagħna. Għad baqa' ħafna xi jsir fid-Dar u fil-madwar tagħha, fosthom il-ġnien/post ta' rikreazzjoni, biex id-dar toffri l-aħjar servizzi u għalhekk nistieden lil kulħadd jagħti s-sehem ċkejken tiegħu.


SALIBA INTERIORS
**Għal xogħol ta'**
**Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,**
**Partitions, Bulkheads, Coving,**
**Soffitti, Parquet Flooring.**
**Contact Raymond Saliba**
**Mob: 7970 2274**

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

**Alexander Saliba**
**Gozo Contact for ISS Computers Ltd**
**For all Types of Computers, Upgrades, Components and Serving.**
**Student SMART Card accepted**
**Ask for more information**
**Information Systems Services Computers Ltd.,**
20, 'Operations House', Triq l-Imprendituri, Mrieħel Industrial Estate, Mrieħel, MALTA. Tel: 21448221 Mobile: 99864262
**Email:** reactivator11@hotmail.com **Company Reg.** No. C27759

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn Ġorġ N. Cassar

# LA TAQLEB IS-SITTIN

**Meta Alla ġie biex jaħlaq is-sema u l-art, lill-annimali tahom ilkoll għomor ta' ħamsin sena. Meta fl-aħħar tfaċċa l-bniedem, il-Ħallieq kien baqagħlu biss 25 sena x'iqassam.**



"Kif?" ilmenta l-bniedem. "Allura jien ġejt fid-dinja biex ngħix daqshekk biss ?"

Ipprova Alla jiftaħlu għajnejh u wissieh li jaqbillu jikkuntenta ruħu b'li messu. Imma l-bniedem rasu iebsa, ma riedx jaf, u biex jeħles minnu, Alla bagħtu jlaqqat xi snin minn band'oħra.

Erħielha għal għonq it-triq u malajr iltaqa' ma' żiemel. Waqqfu u qallu:

"Ħajti qasira wisq. Tini ftit minn żmienek." U ż-żiemel, bla tlaqliq, tah 25 sena minn tiegħu.

Mexa ftit ieħor u ltaqa' ma' kelb u 'l dan ukoll għamillu l-istess talba.

" Kollox sew !" qallu l-kelb u tah 25 sena.

Baqa' jittama li jtawwal għomru kemmxejn oħra. Iltaqa' ma' xadin u dan ukoll kien ġeneruż xejn inqas minn sħabu. Fl-aħħar il-bniedem reġa' lura għand sidu l-Ħallieq.

"Issa kuntent, ja ferħ ta' bniedem? Ismagħni x'ser ngħidlek," qallu Alla. "L-ewwel 25 sena ser tgħixhom ta' bniedem. It-tieni 25 sena tgħaddihom taħdem daqs żiemel. It-tielet 25 tinbaħ daqs kelb. U fl-aħħar kwart ta' seklu sa ssib min jidħak bik kif is-soltu jiddieħku bix-xadini".

Meta jasal fuqna dan l-aħħar kwart,- jekk ma nkunux sifirna b'xi riħ jew riefnu - bla dubju ħadd minna ma jkun jixtieq li jiġrilu kif kitbilna l-kittieb Russu Solzhenitsyn f'din il-parabbola ħelwa li tixbah il-ħrafa ta' Pietro Pancrazi, *"Le età dell'uomo"*. Għadha tidwi f'widnejja dik il-kantaliena kattiva u niggieża ta' dari :"Agħmillu karta... għal tax-xjuħ!" Fil-pajjiżi tal-Lvant, speċjalment fl-Indja u ċ-Ċina, kellhom u għad għandhom rispett kbir lejn ix-xjuħ. Kien hemm ukoll bosta kittieba li għamlu l-isbaħ eloġju lix-xjuħija, fosthom Ċiċerun li bit-trattat li kiteb, *"De Senectute"*, kważi kważi jħajrek tfittex tixjieħ.

### *Ix-xjuħija ta' min jibża' minnha ?*

Bħal kull staġun ieħor tal-ħajja, ix-xjuħija fiha l-problemi u r-restrizzjonijiet tagħha. Hawn min ix-xjuħija jisthajjilha xi destin kiefer li ma tistax taħrab minnu; forsi jassoċjaha ma' ġisem marradi u għajjien , u ma' moħħ li qed jiżmaga. Il-poeta satiriku Juvenal kien tal-fehma li x-xjuħija ta' min jibża' minnha iktar mill-mewt. In-nisa, jekk ma jibżgħux minnha, jistkerrħuha bil-kif . L-armla pessimista Rosalie fid-dramm *"The Black Swan"* ta' Thomas Mann, tgħid xi ħaġa hekk lil bintha:

"Aħna n-nisa 35 sena biss għandna li matulhom nistgħu ngħidu li aħna bnedmin sħaħ, f'saħħitna u fuq ruħna. Meta nagħlqu l-ħamsin sena, qisu tawna l-pensjoni, ma nibqgħux kapaċi nġibu iktar tfal fid-dinja ; f'għajnejn in-natura nsiru qisna ftit irmixk qadim ". Alla ħares kellu jkun hekk!

## *L-aħħar xena fid-dramm tal-ħajja*

Mhux għaġeb li n-nisa jagħmlu minn kollox biex jaħbu l-età. Imma ebda krema jew dieta, ebda eżerċizzju jew kirurġija plastika m'huma sa jwaqqfu l-proċess naturali tax-xjuħija. Hu u jitbexxaq il-bieb tal-ħajja, kull funzjoni fiżika tiddeġenera. L-arterji jidjiequ u l-ġogi jibbiesu; il-memorja u ċ-ċelluli jiddgħajfu; il-ġilda titkemmex u x-xagħar jaqa' jew jibjad; il-vista u s-smigħ jmajnaw, il-qalb tħabbat inqas bil-qawwi u ma nafx x'iżjed. Meta f'żewġ versi Shakespeare jiddeskrivi s-seba' u l-aħħar xena fid-dramm tal-ħajja, huwa jagħtina dehra ta' bniedem li boloq u mar il-baħar għal kollox. Naturalment, minn żmien Shakespeare 'l hawn, f'medda ta' erba' mitt sena, il-fażi tax-xjuħija twalet u tjiebet mhux ftit b'riħet ix-xjenza medika, l-edukazzjoni u l-iġjene. Fis-seklu sittax, ta' 35 sena kienu jgħodduk max-xjuħ; biss il-Karta Anzjan ma kenux jibagħtuhielek!

## *Żerriegħa ħażina fis-snin bikrija*

Sikwit nismagħhom jgħidu li max-xjuħija jitfaċċaw problemi ta' mard serju li jfaqqas ġo fina. Imma t-tobba huma tal-fehma li l-mard u x-xjuħija mhumiex sinonimi. Fil-fatt bosta huma dawk li jixjieħu u jibqgħu f'saħħithom. Ħafna mill-inkwiet jinbet ħtija taż-żerriegħa ħażina li nkunu żrajna fis-snin bikrija. Qabel tixjieħ, kemm-il darba Alla jisilfek l-għomor, trid titgħallem tgħix. M'ilux wieħed xiħ għakka qalhieli b'nofs ċajta:"Emminni, qatt ma bsart li sa ngħix daqs ħarruba. Kieku kont naf , il-magna li tani l-Mulej kont nibża' għaliha iktar u kont intiha servis ta' spiss ".

## *Żewġ traġedji*

Tiltaqa' ma' xjuħ għakka li jkunu tassew eżawriti u b'xorti tajba jinġabru f'xi dar ta' l-anzjani jew isibu xi ruħ twajba ddur bihom. Imma hemm oħrajn, li jispiċċaw weħidhom, xi drabi abbandunati anke minn nieshom stess. Barra dan l-abbandun kiefer li jweġġgħek u jsewwidlek qalbek, hemm traġedja oħra li sseħħ fix-xjuħija. Din tiġri meta x-xwejjaħ jintasab fuq bank il-għażż, jingħalaq fih innifsu u jitlef kull interess fil-ħajja; jagħlaq għajnejh u jsodd widnejh għal dak kollu li jkun qed jiġri madwaru u ma jibqagħlu aptit ta' xejn. F'qasir żmien jaqa' f'monotonija u jibda jħoss vojt kbir jikber u jitwessa' ġo fih; kollox jibda jagħtih fastidju u ħlief igerger u jmaqmaq ma tisimgħux. Tiġik it-tentazzjoni li ssejjaħlu bużżieqa. Bosta drabi din l-attitudni ma tkunx ħtija ta' l-eta' imma tad-difetti jew defiċjenzi fil-karattru ta' dak li jkun.

## *Żmien ta' opportunità*

Ix-xjuħija ta' min iħares lejha bħala żmien ta' opportunità u ta' premju. Fil-kummiedja ta' Kilin "Riħ il-Bomblu", wieħed mill-karattri jgħaġġibha daqsxejn meta jistqarr: "Ix-xjuħija żmien it-tgawdija." Għandu mnejn ħareġ b'din l-idea għaliex meta tikber u tixraf, l-ambizzjoni ma tibqax tagħmel bik; id-deni li x'aktarx jaqbdek fit-tiġrija tal-ħajja jkun għadda u mar. Quddiemek jitfaċċaw iktar żoni tal-klami. Meta terfa' mix-xogħol taqa'



fuqek iktar trankwillità , li jiena ngħoddha bħala l-aqwa benefiċċju tax-xjuħija. Dnub li tiltaqa' ma' pensjonanti li jħossuhom imdejqa u frustrati , ma jafux x'ser jaqbdu jagħmlu bihom infushom.

Huwa fatt li bosta mix-xjuħ jibqgħu attivi, mimlija ħeġġa, membri sħaħ tas-soċjetà, kapaċi jagħtu ġurnata xogħol , x'aktarx mal-volontarjat. Tal-familja donnhom ikunu fuq ix-xwiek biex jagħtuhom promozzjoni u jlaħħquhom messaġġiera jew kurriera; issib fosthom min jingħata grad ogħla, dak ta' faktotum. Żgur ma nkunx qed niċċajta jekk infakkar fl-għadd kbir ta' nanniet li bil-qalb kollha jerfgħu r-responsabbiltà li jieħdu ħsieb in-neputijiet tagħhom ; ġie li jispiċċaw biex jibdew iħobbuhom , jekk mhux ukoll ifissduhom, iktar milli ħabbew u fissdu lil uliedhom stess. Jekk imbagħad nagħtu ħarsa lura lejn l-istorja nsibu artisti, kittieba, xjenzjati, politiċi u oħrajn kemm trid li meta daħlu fit-tielet età baqgħu xorta waħda jagħtu kontribut u jipproduċu xogħlijiet mill-aqwa. Tabilħaqq l-abbiltà intelletwali f'persuna f'saħħitha ma tonqosx ma' l-età; l-intelliġenza ma tintefiex.

## *Meta jibqa' korda waħda*

Ix-xjuħija nistgħu ngħidu li hi xorti jew grazzja kbira li Sid il-ħajja ma jagħtihiex lil kulħadd. Imma wara kollox mhux it-tagħbija ta' l-annati li tgħodd; jgħodd kif tibqa' tħossok minn ġewwa. L-aqwa li dak li jkun jibqa' paċi miegħu nnifsu, paċi m'Alla u mal-proxxmu. Imbagħad anki jekk idejh ikunu rogħda waħda u riġlejh bilkemm jifilħuh, ma narax l-għala l-ispirtu m'għandux jibqa' żagħżugħ. Dun Karm kien jaf x'qed jgħid meta stqarr f'għeluq "Il-Għanja tas-Sebgħin": " Illi qabel tiġi Ċensa, jien ma rridx, ma rridx nixjieħ."

Smajnieha kemm-il darba kif Niccolò Paganini, meta nqatgħulu tliet kordi, baqa' jdoqq il-vjolin u jpaxxi lill-udjenza fuq korda waħda. Mhux li l-anzjani kollha, anki meta jkun baqgħalhom 'korda' waħda, jibqgħu jgawdu u jissiehbu fis-sinfonija tal-ħajja.

VERSI RIFLESSIVI

# L-Imsejjaħ *



Imsejjaħ biex twarrab
Tal-ħâra l-irdoss
U tgħix il-misteru
Jgħabbik b'paradoss.

Mill-modi tad-dinja
Titgħarwen bin-nar,
Biex lilha żżejjinha
B'mantâr ta' l-Aħbar.
Deżert solitudni
Trid tbaskat f'kull sens,
ħa nsibu lkoll għandek
Oasi ta' wens.

Trid tfawwar ix-xmara
Fl-arterji u l-vini
Bil-ħrara tat-tama,
Biex tfarra' u ddewwaq,
Bl-arloġġ kull minuta,
Qatriet lil kull ħuta...
U x-xmara timtela', timtela',
U qatt ma tinħela.



Trid tkebbes ġo sidrek
Ir-riefnu tal-ħeġġa,
U tħoss it-tixwita
Tal-ħruq ma jaqtax...
'Mma trażżnu u ttenfxu
F'elf żiffa tar-ruħ
U tqassmu f'ossignu
'L min b'nifsu maqtugħ.

U qalbek trid tbaqbaq
Bil-ferħ ma' kull ħlejqa'
U żżomm sinkronija
F'tektika mdejqa.
Trid tbaħbaħ il-fidi
Bid-deheb u l-azzar,
Xħin fina tilmaħha
Xi ftit tat-tajjar.



U jekk qatt titgħammex
Bil-kejl tar-raġuni
Li tqis fond il-bniedem
Bir-riga u skalluni,
Tal-kelma r-ruħ ofsdoq
Mill-ktieb ta' l-Aħbar...
'Tih f'qalbek l-irdoss
Għax fih soluzzjoni
Għal kull paradoss;
U l-wegħda qawwija
Tal-wieħed mal-mija,
Li mija fil-mija
Isseħħ.

**J.W. Psaila**

* **B'dedika lis-saċerdot novell Għawdxi, Fr. Geoffrey Attard, Victoria, 25-06-04.**

# Sigriet Mikxuf

Bla tama li l-baħar jibnazza,
Jitħabtu ma' qlugħ il-barkazza,
Baħrin, b'widnejhom miżduda,
Għar-rajjes Ulisse mikduda,
Tħawdu, x'ħin rawħ 'flok beżgħan,
Jissara ma' rbit ħa jinħall,
U jaqbeż ġol-mewġ biex jinġarr
Lejn xatt bajja wiesgħa u ħamra;
Għax le ma kienu lemħu 'l Calypso,
Li miegħu ħadet grazzja, ġietha n-namra,
Mill-għar hemm fuq, fis-sies tar-Ramla,
Tistiednu għal xi avventura!

Ħall, qabeż, u għam u mar ħdejha,
U hi biż-żegħil nissietu kull għejja.
Fl-għar magħha żammitu jgħix hieni,
U fdatlu sigrieti minn kmieni,
X'ħin ratu baħħar hekk qalbieni.

Sigriet illi nkixef maż-żmien
Hu dan: li nafuh int u jien!
Ta' meta f'widnejh hi sefsfitlu
Li hi ma kenitx in-nimfa Kalipsu,
''ma xbejba raħħala, li bħalha jeżistu;
tgħix ma' missierha fuq dawk in-naħiet,
għax ommha kien ilha li b'marda tbattiet,
u waqt li tkun tirgħa xi ngħaġ u mogħżiet,
f'dak it-tmerżiq ta' xemx tisreġ u tgħammex,
fid-dell ta' dak l-għar titkennen biex tgħarrex,
min jaħbat iħuf f'xi truf ix-xaqlibiet,
li fuqhom missierha jirfislu 'l ħadd ried;
waqt li f'għana ferrieħ tinfexx għax jaħjiha,
hi toħlom l' għad jiġi l-għarus li jpaxxiha,
kif issa baħar mqalla' 'l Ulisse kien qala',
biex wara ftit jiem mill-ġdid reġa' bala'!

**Francis Sultana**

ITTRA APOSTOLIKA TAL-PAPA FIL-FTUĦ TAS-SENA TAL-EWKARISTIJA

# "Mane Nobiscum Domine"

## IBQA' MAGĦNA MULEJ



"*Ibqa' magħna, Mulej*". Din kienet l-istedina taż-żewġ dixxipli ta' Emmaus lil dak "*l-Istranġier*" li akkumpanjahom fit-triq. Kienu qalbhom maqtugħha, imdejqin. Iżda dak "*l-Istranġier*" nissel raġġ ta' dawl f'qalbhom. U mliehom bit-tama. U baqa' magħhom.

Din ix-xbieha tad-dixxipli ta' Emmaus tista' sservi bħala gwida għal din is-Sena ta' l-Ewkaristija. Fost il-problemi, diffikultajiet u diżappunti tagħna dan il-*KUMPANN* għadu magħna, bħala "*Il-Ħobż tal-Ħajja*".

Dik il-wegħda li darba Ġesù kien għamel: "***Jien nibqa' magħkom sa l-aħħar taż-żmien***", seħħet bit-twaqqif tal-Ewkaristija. Ser nagħtu tlitt punti minn din l-Ittra Apostolika tal-Papa.



## L-Ewkaristija, Misteru ta' Dawl

F'kull quddiesa għandna: **Il-Mejda tal-Kelma** fejn titħabbrilna l-Kelma t'Alla u Hu Kristu nnifsu li jitkellem meta tinqara l-Bibbja, u l-**Mejda tat-Tqarbin** fejn jingħata lilna l-Ġisem ta' Kristu.

Id-dixxipli ta'Emmaus għarfu lil Ġesù u "**fil-Qsim tal-Ħobż**".

**IT-TLITT DIMENSJONIJIET TA' L-EWKARISTIJA.**

1. L-Ewkaristija hija **Ikla**, u din hija evidenti "Ħudu u Kulu".
2. L-Ewkaristija hija **Sagrifiċċju**.

Ikla sagrifikali. Kristu joffri mill-ġdid is-Sagrifiċċju li Hu offra fuq il-Kalvarju.

3. L-Ewkaristija hija **Preżenza**.

Kristu realment preżenti fit-Tabernaklu. Hu kien wiegħed li jibqa magħna sa l-aħħar taż-żmien. Dak li wiegħed seħħ fl-Ewkaristija.

### *Dmirijiet tagħna*

**Niċċelebraw l-Ewkaristija** bil-qima u bis-sehem attiv tagħna. **Naduraw** il-preżenza reali ta' Ġesù, sew fil-Quddiesa u sew barra mill-Quddiesa. Matul din is-sena għandna nżidu l-**ADORAZZJONI EWKARISTIKA**... **Nikkontemplaw** il-wiċċ ta' Kristu. Fost l-oħrajn billi nimmeditaw il-Misteri tar-Rużarju b'riflessjonijiet bibliċi - ewkaristiċi (Hawn kotba apposta b'Rużarju meditat).

### *IL-KORPUS*

Il-Papa poġġielna bħala eżempju ta' importanza: **IL-PURĊISSJONI TAL-KORPUS**, li fiha nipproklamaw fit-toroq tagħna l-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija.

## Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.



### L-Ewkaristija, għajn u wirja ta' komunjoni

Id-dixxipli ta'Emmaus lil Ġesù qalulu: "**IBQA' MAGĦNA**". Ġesù ta rigal wisq akbar. Mhux biss "baqa' magħhom iżda permezz tal-Ewkaristija baqa' **FINA**". "Intom fija u jiena fikom" (Ġw. 15.4).

***Komunjoni ma' Kristu***
Permezz tal-Ewkaristija ssir għaqda jew komunjoni intima tagħna ma' Kristu.

***Komunjoni Ekkleżjali***
Inkunu magħqudin ma' Kristu daqskemm inkunu magħqudin mal-Knisja li hi l-Ġisem Tiegħu. Għaqda mal-Papa, u mal-Isqof.

***Komunjoni Fraterna***
Insiru aħwa ta' xulxin, miftuħin għal xulxin, nifhmu lil xulxin u naħfru lil xulxin.

***Appell tal-Papa***
**INĦARSU LEJN JUM IL-ĦADD BĦALA "JUM IL-MULEJ" U "JUM IL-KNISJA".**
Hemm bżonn li nagħtu aktar importanza liċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Ħadd biex il-komunità kollha flimkien tiħu sehem attiv; mhux spettaturi f'teatru, imma parteċipanti.

### Mill-Ewkaristija għall-Missjoni Evanġelika fix-Xandir tal-Kelma

Iż-żewġ dixxipli ta' Emmaus, wara li għarfu lil Kristu fil-qsim tal-ħobż, "***telqu mill-ewwel***" ixandru dak li raw u semgħu (Lk 24.35).
L-istess aħna. Fit-tmiem tal-quddiesa s-Saċerdot jgħid: "***Morru fil-paċi ta' Kristu***". Dan hu amar, ordni biex noħorġu mill-knisja ħalli nagħtu xhieda u nevanġelizzaw lill-oħrajn fit-toroq tal-ħajja.
L-Ewkaristija "***mhux biss hi missjoni***" iżda wkoll "***stil ta' ħajja***".

***STIL EWKARISTIKU***
Aħna l-insara rridu ngħixu "***stil ta' Kristu***" u bħal Kristu ngħidu:

a) **GRAZZI**: Inroddu ħajr lil Alla.
b) **IVA**: Inwettqu r-rieda t'Alla l-Missier.
c) **AMEN**: Inpoġġu lil Alla bħala punt ta' riferiment f'ħajjitna.



**APPELL TAL-PAPA GĦAL FIDI SĦIĦA**
F' din is-Sena tal-Ewkaristija ma nistħux nitkellmu fuq Alla, u nkunu kburin bil-fidi tagħna.

***L-Ewkaristija hija "Skola ta' Paċi".***
Qed ngħixu f'dinja mħawda, immarkata bil-flaġell tat-terroriżmu, u bit-traġedja tal-gwerrer. Jeħtieġ li niffurmaw irwieħna fl-iskola tal-Ewkaristija biex inkunu strumenti ta'
**KOMUNJONI.**
**PAĊI.**
**SOLIDARJETÀ.**



***L-Ewkaristija hija Skola ta' Qadi***
Qabel it-twaqqif, tal-Ewkaristija Ġesù ħasel riġlejn l-Appostli. Hawn Ġesù tana eżempju ta' karità u servizz lill-foqra.

***L-APPELL TAL-PAPA GĦAL DINJA AĦJAR***
Din is-sena għandha tkun okkażjoni biex ninteressaw irwieħna fil-forom ġodda ta' faqar ta' żmienna, u nagħtu l-għajnuna li nistgħu.

***Eżempji ta' faqar:-***
- It-traġedja tal-ġuħ.
- Il-flaġell tal-mard li jolqot tant pajjiżi.
- Is-solitudni tal-anzjani.
- It-tbatija ta' dawk li huma bla xogħol.
- Il-problemi tal-immigranti u refuġjati.

***Konklużjoni***
Ma nqarrqux bina nfusna. Aħna ningħarfu aħniex dixxipli ta' Kristu mill-imħabba ta' bejnietna u mill-interess tagħna f'dawk li huma fil-bżonn.

BOOKMARK

# *TAGĦLIM ESTENSIV DWAR IL-PURGATORJU*

**Mons. Anton Gauci: "EJJEW INĦENNU GĦALL-ERWIEĦ", Victoria 2003, A&M Printing, pp.303, Lm3.50ċ**




Mons. Anton Gauci għal darb'oħra reġa tana ktieb ieħor, l-aħħar wieħed minn lista li issa saret twila mhux ħażin. Din id-darba il-ktieb li jġib it-titlu "Ejjew Inħennu għall Erwieħ",jittratta suġġett li ma tantx inkiteb dwaru bl-ilsien tagħna. It-tema hija l-erwieħ tal-purgatorju u dak kollu f'konnessjoni magħhom (talb, suffraġji, djalogi ma' l-istess erwieħ...eċċ), kif ukoll ġabra ta' tagħlim uffiċċjali tal-Knisja fuq dan is-suġġett.

Il-ktieb huwa mqassam prinċipalment f'ħames taqsimiet, flimkien ma' kelmtejn qabel mill-awtur, konklużjoni u xi talb għall-erwieħ fl-aħħar. L-ewwel taqsima, li tieħu prattikament nofs il-volum tal-ktieb, titratta t-tagħlim tal-Knisja Kattolika, kitbiet ta' xi Santi Padri u xi qaddisin kbar, kif ukoll ir-referenzi prinċipali li nsibu fl-Iskrittura dwar il-ħajja ta' wara l-mewt. Partikularment interessanti huwa l-kapitlu 8 ta' din it-taqsima, intitolat "Għaliex għandna ngħinu lill-Erwieħ", li jipproponi diversi prattiċi konkreti li nistgħu nagħmlu aħna b'suffraġju ta' l-erwieħ. Fit-tieni taqsima imbagħad l-awtur ilaqqgħana ma' xi erwieħ qaddisa li Alla ppermetta li jkollhom relazzjonijiet speċjali ma' l-erwieħ tal-purgatorju f'dak li għandu x'jaqsam b'mod speċjali ma' dehriet, viżjonijiet jew rivelazzjonijiet partikulari, uħud minnhom lill-qaddisin u beati. It-tielet taqsima li hi pjuttost qasira, titkellem minn tagħrif marbut mal-purgatorju u l-erwieħ, li deher okkażjonalment f'dehriet ta' Sidna Ġesù Kristu u tal-Madonna, kif ukoll f'xogħlijiet ta' kittieba reliġjużi. It-taqsima li jmiss, ir-raba' waħda, titkellem fuq il-kontribut letterarju tal-poeta taljan Dante Alighieri u l-opra ċelebri tiegħu "*La Divina Commedia*", xogħol fi tlett taqsimiet: l-Infern, il-Purgatorju u il-Ġenna; li kellu influenza kbira fl-epoka li fiha nkiteb. L-aħħar taqsima imbagħad tiġbor fiha żewġ temi oħra mhux inqas interessanti, waħda ntitolata ,"F'Savina b'risq l-Erwieħ tal-Purgatorju"u l-oħra "Funerali, Oqbra u Ċimiterji". Il-ktieb jagħlaq b'konklużjoni u *addenda* b'xi talb għall-erwieħ.

Partikularità li dan il-ktieb tagħmlu wieħed sinjur huma ċ-ċitazzjonijiet mill-Iskrittura Mqaddsa, li huma mxerrda fil-ktieb kollu mingħajr ma' jagħmlu l-qari b'xi mod tqil għall-qarrej. L-istil tal-ktieb huwa wieħed mexxej, miktub b'Malti mirqum li iżda ma jgħajjix il-qarrej, anzi jġiegħlu jissokta jaqrah taqsima wara l-oħra.

Il-volum fih 301 paġni u huwa stampat b'tipi meqjusa u bi tqassim sistematiku u ordnat ħafna. Barra minn hekk fih diversi ritratti u stampi li jkomplu jagħmluh aktar attraenti. Il-ktieb jista' jinkiseb direttament mingħand l-awtur.

**Fr. Ruben Micallef**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

# IS-SITT KUNGRESS INTERNAZZJONALI TAL-KLERU MALTA 18-23 T'OTTUBRU 2004



# IŻ-ŻJARA F'GĦAWDEX

## 22 T'OTTUBRU 2004

***Dun Eddie Zammit***

Bejn it-18 u it-23 t'Ottubru nżamm f'pajjiżna is-Sitt Kungress Internazzjonali tal-Kleru organizzat mill-Kongregazzjoni għall-Kleru tas-Santa Sede. Il-Kungress kellu bħala suġġett: "Saċerdoti qaddisa għall-formazzjoni tal-Qaddisin għal dan il-Millennju fuq il-passi ta' San Pawl. Fil-Kungress li nfetaħ fit-18 t'Ottubru 2004 permezz ta' Quddiesa mmexxija mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca, fil-Konkattidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta, ħadu sehem 'il fuq minn 1000 saċerdot, fosthom numru kbir ta' Isqfijiet u Kardinali. Il-laqgħat ta' studju ta' dan il-Kungress saru fid-Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi bejn it-Tlieta u Ħamis 19-21 t'Ottubru 2004. F'dawn il-laqgħat tkellmu l-Kardinali George Pell ta' Sydney, Dario Castrillon Hoyos, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru, Julio Terrazas Arċisqof ta' Santa Cruz de la Sierra fil-Bolivja, Angelo Scola, Patrijarka ta' Venezja, Josè Saraiva Martins, Prefett tal-Kongrezzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, l-Arcisqof Bruno Forte ta' Chieti-Vasto, u t-Teoloġi l-Ispanjol Mons. Juan Esquerda Bifet u t-Taljan Kappuċċin Raniero Cantalamessa. Minbarra dawn il-laqgħat ta' studju, saru wkoll diversi funzjonijiet liturġiċi f'diversi knejjes Maltin fosthom il-Mosta u l-Grotta ta' San Pawl ir-Rabat, li tmexxew minn Kardinali oħrajn, fosthom Camillo Ruini ta' Ruma u Cormack Murphy O'Connor tar-Renju Unit. Il-Ħamis 21 t'Ottubru sar kollegament dirett mal-Vatikan bis-satellita, fejn il-Papa Ġwanni Pawlu II indirizza direttament lill-Kungressisti miġbura fis-Sala tal-Meditteran, fil-Belt Valletta. Dan il-messaġġ intlaqa' b'entużjażmu kbir u l-Kungressisti applawdew lill-Papa bil-wieqfa għal tliet minuti sħaħ.




L-għeluq tal-Kungress sar f'Għawdex il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru 2004, l-anniversarju mill-bidu tal-pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Kungressisti waslu l-Imġarr Għawdex fuq vjaġġ speċjali tal-vapur "Gaudos" fid-9.00a.m. Mal-wasla tagħhom deher kemm kien kbir l-eċċitament fosthom. Għawdex tagħna qatt ma laqa' numru hekk kbir ta' saċerdoti f'daqqa waħda, fosthom sitt kardinali u iktar minn 15-il Isqof. Is-Saċerdoti b'dawk l-imkatar kkuluriti m'għonqhom biex jiddistingwu id-diversi lingwi li ntużaw fil-granet tal-Kungress komplew żiedu mal-entużjażmu li kien ilu jinġema l-gimgħa kollha tul il-mumenti tal-Kungress.




L-ewwel kumment li qal il-Kardinal Dario Castrillon Hoyos lid-delegazzjoni Għawdxija li laqgħetu fl-Imġarr Għawdex kien li kien minħabba ż-żjara tiegħu fil-Fontana Għawdex ftit tas-snin ilu li ġie deċiż li dan il-Kungress jinżamm fil-gżejjer tagħna. Dan il-kumment l-istess Kardinal ireppetih diversi drabi oħra kemm fil-Knisja tax-Xewkija kif ukoll ma' diversi ġurnalisti.

Il-Kungressisti waslu fir-raħal tax-Xewkija u waqfu fi Triq San Bert u mxew lejn ir-Rotunda, il-Kardinali u l-Isqfijiet quddiem u s-saċerdoti kollha wara. Huma daħlu fil-Knisja Rotunda fost capċip kbir u laqgħa mill-isbaħ mhux biss mit-tfal tal-iskola u n-nies tax-Xewkija imma ukoll minn numru kbir ta' Għawdxin li ngabru ferħana biex jilqgħu lil dawn il-mistiedna speċjali fil-gżira għażiża tagħna. Tant ħassu kommoss il-Kardinal Dario Castrillon Hoyos li dak il-ħin "fuori programma" mingħajr ma kien pprogrammat, iddeċieda li jżid ukoll ix-xhieda li taw diversi saċerdoti dwar l-esperjenzi saċerdotali tagħhom.

Fil-Knisja tax-Xewkija ġew milqugħa mill-Isqof t'Għawdex Mons. Nikola Cauchi li għamlilhom diskors ta' merħba, mill-Vigarju Mons Giovanni B. Gauci, u mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca. Wara, il-Kardinal Georg Maximilian Sterzinsky Arċisqof ta' Berlin fil-Ġermanja, mexxa l-Kant tat-Tifħir tas-Sbiħ il-Jum kif ukoll għamel meditazzjoni wara l-lezzjoni qasira. Fil-meditazzjoni tiegħu l-Kardinal Sterzinsky għamel riflessjoni fuq l-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin Kap 4:29-32, u semma' fost l-oħrajn il-qawwa tal-Kelma li tqaddes. Saħaq kemm hu importanti li kull membru tal-komunità nisranija jisma kliem edifikanti. "Min jibki għandu bżonn kelma ta' faraġ, min qalbu maqtugħa, kelma ta' nkurraġiment, min għażżien, kelma li tħeġġu, min jiżbalja



kelma li tgħinu jerġa' lura fit-triq it-tajba. Il-Kardinal temm ir-riflessjoni tiegħu billi saħaq dwar l-importanza li fil-komunitajiet tagħna għandna d-dmir u l-ideal li nibnu komunitajiet fejn il-kliem joħloq u mhux ikisser, kliem li jgħin lil kulħadd. Mexxa fuq l-orgni waqt il-kant tas-Salmi Ivan Farrugia. Fit-tmiem din il-funzjoni diversi saċerdoti ġew mistedna biex jitkellmu b'mod spontanju dwar l-esperjenzi tagħhom kif qed jgħixu l-vokazzjoni saċerdotali tagħhom. Tkellmu saċerdoti mill-Iraq, Palestina, Israel, u Sudan, kif kif żewġ saċerdoti li skoprew il-vokazzjoni





tagħhom bħala adulti. Dawn kienu jinkludu ex-senatur Awstraljan u ex-pilota Amerikan.

Mix-Xewkija l-Kungressisti żaru l-Belt Victoria u ġew milqugħa fil-Kattidral ta' Santa Marija mill-Arċidjaknu Mons. Giovanni Gauci, mill-Arċipriet Mons. Joe Vella Gauci u membri tal-kapitlu kattidrali. Fil-Kattidral ġew imdawwra mill-istoriku Rev. Dr. Joseph Bezzina li akkumpanjahom ukoll fil-Mużew tal-Kattidral, kif ukoll fid-dawra maċ-Ċittadella. Mill-inħawi taċ-Ċittadella setgħu jammiraw il-biċċa



l-kbira tal-Knejjes Għawdxin u baqgħu msaħħrin bil-gżira tagħna li f'kull rokna tagħna hija imżejna b'xi tempju partikulari. Miċ-Ċittadella l-Isqfijiet u s-saċerdoti ġew akkumpanjati fil-Bażilika ta' San Ġorġ u ġew milqugħa mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Faruggia u membri oħra tal-Kapitlu. Huma ġew imdawra mal-Bażilika u żaru wkoll il-kappella l-ġdida Biżantina. Wara kellhom mumenti ta' mistrieħ fiċ-Ċentru Parrokkjali.



Il-qofol taż-żjara tal-Kungressisti wasal wara l-ħin tal-pranzu meta għall-ħabta tal-4.00p.m. fil-Bażilika Ta' Pinu ġie rreċitat ir-Rużarju mmeditat, immexxi mill-Kardinal tal-Ghana. Wara r-Rużarju fil-pjazza tal-istess santwarju l-Kardinal Angelo Sodano, Segretarju tal-Istat tal-Vatikan mexxa konċelebrazzjoni li fiha għamel ukoll omelija.





Fl-omelija tiegħu l-Kardinal Sodano tkellem dwar il-bżonn li nsibu t-tifsira vera tas-sejħa tagħna. Il-kardinal stieden lis-saċerdoti preżenti biex iħossu aktar qawwija f'ħajjithom is-sejħa triplika: ta' fidi, ta' qdusija, ta' żelu apostoliku. Il-kardinal għamel ukoll riferenza għall-post taċ-Ċenaklu f'Ġerusalemm fejn Kristu waqqaf l-Ewkaristija u "għamilna lkoll ministri tiegħu", u eżorta lil dawk kollha preżenti biex jibqgħu jisimgħu s-sejħa għall-qdusija li għadha toħroġ minn dan il-post partikulari. Fi tmiem l-omelija, filwaqt li qabbel il-kelma "Gozo" li



bl-ispanjol tfisser ferħ, stieden lis-saċerdoti kollha preżenti biex jgħixu kliem San Pawl u "Jifirħu fil-Mulej". Il-kant tal-quddiesa tmexxa b'ħila kbira mill-Kor tas-Seminaristi Għawdxin taħt it-tmexxija tas-seminarista Michael Curmi.Għal din il-quddiesa







attendew l-għola awtoritajiet Ekkleżjastiċi u Civili ta' pajjiżna, fosthom l-Isqfijiet Maltin, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, u l-Isqof Annetto Depasquale u l-President tar-Repubblika Dr. Edward Fenech Adami u s-Sinjura, il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, il-Ministru għal Għawdex Is-Sinjura Giovanna Debono, Dr. Tonio Borġ, Ministru għall-Intern, Dr. Angelo Farrugia f'isem il-Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll deputati Għawdxin u diversi Għawdxin oħra. Il-Konċelebrazzjoni ġiet fi tmiemha bl-att ta' konsagrazzjoni minn dawk kollha preżenti lill-Madonna Ta' Pinu. Is-Saċerdoti kollha preżenti ngħataw b'tifkira, kuruna mbierka mill-Papa. Il-Kungressisti reġgħu lura lejn Malta ferħanin, li ħadu sehem fil-funzjoni tal-għeluq tal-Kungress u fi żjara lill-gżira tal-ferħ, il-gżira Għawdxija li laqgħethom b'idejha t-tnejn miftuħa. Żgur li kemm il-Kungressisti kif ukoll l-Għawdxin kollha ser nibqgħu ngħożżu t-tifkiriet ta' din iż-żjara għal ħafna miż-żmien li ġej.





# MESSAĠĠ TA' MERĦBA MILL-ISQOF T'GĦAWDEX MONS. NIKOLA CAUCHI FIL-KNISJA ROTUNDA TAX-XEWKIJA



Inħossu bħala unur kbir għalija, li fil-kwalità tiegħi, bħala Ragħaj Spiritwali ta' din id-djoċesi naghti minn qalbi "il-merħba" fil-gżira tagħna lilkom li qegħdin tieħdu sehem fil-Kungress Internazzjonali tas-Saċerdoti, fuq it-tema "Saċerdoti qaddisa għall-Formazzjoni tal-Qaddisin għal dan il-Millennju, fuq il-passi ta' San Pawl."

Intom ġejjin minn nazzjonijiet differenti, mhux biss dawk ta' l-Ewropa, iżda wkoll mill-kontinenti l-oħra, u għalhekk il-preżenza tagħkom hawnhekk hija sinjal ċar tal-universalita' tal-Knisja u tal-fraternita' saċerdotali tagħna.

Jiena żgur li flimkien miegħi jaqsmu wkoll din it-tislima mill-qalb tiegħi l-membri tal-Kleru, ir-Reliġjużi u l-lajċi ta' din il-Knisja Lokali, li f'dawn il-ġranet ingħaqdu magħna fit-talb għas-suċċess ta' dan il-Kungress Internazzjonali.

Nixtieq nesprimi wkoll il-gratitudni tagħna u l-apprezzament minn qalbna lil dawk kollha li kkollaboraw fit-twettiq ta' din l-inizjativa sabiħa.

Il-preżenza tagħkom f'dawn il-gzejjer, għad li għal ftit ħin, kienet għalina żmien l-iktar prezzjuż, għaliex kienet ta' għajnuna għalina biex nifhmu aħjar il-kariżma saċerdotali u ħeġġitna biex ngħixuh b'mod iktar awtentiku, u b'hekk swiet ukoll għall-qawmien spiritwali tal-Knisja Lokali kollha.



Offritilna okkażjoni sabiħa sabiex nitolbu flimkien għall-persuna meqjuma tal-Papa, Ragħaj tal-Knisja Universali, li




proprju llum jaħbat is-sitta u għoxrin anniversarju mill-bidu tal-missjoni pastorali tiegħu.

Il-Kungress, li issa qiegħed joqrob lejn it-tmiem tiegħu, bis-suġġett li ġie magħżul għalih, joffrilna diversi punti għar-riflessjoni u għat-talb. Mingħajr dubbju kien ta' attwalità kbira, għaliex jikkorrispondi għal ħtieġa reali u li tinħass ħafna. Fi żminijietna, forsi wisq iktar mill-imgħoddi, id-dinja teħtieġ saċerdoti ta' ħajja nterjuri u ddedikati mingħajr riservi għall-apostolat. Da parti tagħna jeħtieġ li nipperswadu ruħna dejjem iżjed li b'ħajja tabilħaqq qaddisa biss li jistgħu iseħħu l-opri ta' l-apostolat li jħalli l-frott għall-edifikazzjoni tal-Knisja, u biex tinżamm ħajja t-tama ta' futur aħjar għall-umanità kollha.

Forsi jista' jkun ta' xi interess għalikom li tisimgħu xi tagħrif fil-qosor dwar il-Knisja Lokali tagħna. Id-djoċesi ta' Għawdex twaqqfet mill-Beatu Papa Piju Disgħa fl-1864 u kellha bħala l-ewwel Ragħaj tagħha l-Isqof Michele Buttigieg, iben ta' din il-gżira.

Is-Seminarju Djoċesan infetaħ fl-1866 u kompla bla waqfien il-ħidma tiegħu u għen għall-formazzjoni ta' mijiet ta' saċerdoti. Il-preżenza tal-membri tal-Kleru kienet dejjem evidenti fid-djoċesi tagħna. Il-għadd tagħhom jippermetti wkoll li wħud minnhom jagħtu l-ministeru tagħhom f'naħħiet oħra tad-dinja.

Żewġ istituti tal-ħajja kkonsagrata, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', imwaqqfin fl-1880 u s-Sorijiet Dumnikani mill-1889, kellhom il-bidu tagħha f'din id-djoċesi. Illum dawn iż-żewġ kongregazzjonijiet għandhom id-djar u jwettqu l-ħidmiet tagħhom f'diversi pajjiżi oħra.





Għall-grazzja t'Alla, anki l-organizzazzjonijiet tal-Apostolat tal-Lajċi huma, fl-aħjar tagħhom u jagħtu kontribut siewi, speċjalment fil-qasam tal-kateketika u tal-volontarjat nisrani.

Madanakollu, ma jonqsux il-problemi pastorali, bħal ma huma per eżempju, it-theddid għall-qdusija tal-ħajja tal-familja u t-tfixkil fil-formazzjoni nisranija tal-ġenerazzjoni l-ġdida. Aħna wkoll konxji biżżejjed li quddiemna għad fadlilna triq twila x'nimxu biex nersqu għall-idejali tal-ħajja nisranija u tal-qdusija, skond l-indikazzjonijiet tal-Konċilju Vatikan it-Tieni u skond id-dokumenti l oħra li ħarġu wara l Konċilju.

Però minkejja d-diffikultajiet kollha, bħal fil-mumenti kritiċi ta' l-imgħoddi, anki llum fis-sitwazzjoni preżenti l-Kleru u l-Poplu tagħna jafdaw ruħhom b'fiduċja sħiħa fl-għajnuna tal-Ħniena t'Alla u ta' l-interċessjoni tal-Verġni Mbierka, meqjuma b'mod speċjali min nies tagħna fis-Santwarju Ta' Pinu.

Fl-aħħarnett nixtieq inżid l-awguri mħeġġa li dan il-Kungress ikun tassew għal kulħadd okkażjoni ta' progress spiritwali u jservi biex isaħħaħ dejjem iktar ir-rabtiet ta' mħabba fraterna li jgħaqqduna. Bi gratitudni għall-għana tad-doni li rċivejna f'dawn il-jiem, nawgura wkoll li din il-laqgħa tagħna fil-gżejjer ta' Malta tgħin biex iżżid iż-żelu tagħna għas-servizz tal-Poplu t'Alla, u biex insaħħu mħabbitna għall-Knisja Universali. Huwa ttamat u mixtieq li t-tifkira u l-frott ta' din il-ġrajja memorabbli jibqgħu anke għall-futur, bħala sejħa qawwija għall-qdusija personali tagħna u biex inġeddu l-impenn fil-ħidma pastorali tagħna.

*Dawk li jixtiequ jakkwistaw Video jew DVD taż-żjara f'Għawdex tal-Kungressisti, produzzjoni ta' Alvin Scicluna, jirrikorru fil-Lumen Christi Bookshop, Victoria.* Video: *Lm 6.00* - DVD: *Lm 12.00*



Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 129

Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2004



# ORDINAZZJONIJIET, STATUTI, U LIĠIJIET

Id-dokument numru mija u disgħa u għoxrin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni tad-daħla ta' l-ordinanzi li ta' kull sena kienu jitniżżlu fil-bidu tar-reġistru ta' l-atti ta' l-*Universitas*. L-ordinanzi għas-sena 1704 jinsabu reġistrati fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 1r-5r (NAG, UG, *Acta*, 9/1704–1705, f. 1r-5r).

It-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2004, kien imfakkar għall-ewwel darba jum ir-reġjuni ewropej. Fit-trattat ta' l-adeżżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropeja, iffirmat f'Ateni, l-Greċja, fis-16 ta' April, 2003, Għawdex kien rikonoxxut bħala reġjun. Bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja fl-1 ta' Mejju, 2004, Għawdex għalhckk sar reġjun fl-Ewropa. Iżda Għawdex fil-prattika ilu reġjun. Dawn l-ordinazzjonijiet maħruġa mill-*Universitas* tliet mit sena ilu huma xhieda ta'amministrazzjoni semi-awtonoma; ta' reġjun fil-prattika, jekk mhux formalment.

L-Universitas, kif ġa innotajna, kienet ta' kull sena toħroġ lista ta' Bandi jew liġijiet. Barra dan, għal raġunijiet legali, kienet ta' kull sena tagħmel lista ta' l-ordinanzi tas-snin ta' qabel u hekk tiġi mneħħja kull ambigwità. Il-lista hi ntitolata bil-kelmiet li ġejjin:

**Ordinationi, statuti, e pragmatiche perpetuo valitur da osservari nell'Isola del Gozo per comandamento nostro secondo il tenore del chirografo da noi mandato.**

Il-kelmiet *perpetuo valitur* jfissru sewwa sew li l-ordinanzi mniżżla għandhom forza legali perpetwa. Il-kelma *chirografo* tfisser il-kitba jew id-dokument formali li fih huma mniżżla dawn l-ordinanzi.

L-ewwel ordinanza fil-lista tas-sena 1704, tliet mit sena ilu, hi li għandha tinżamm lista aġġornata ta' dawk kollha li għandhom l-obbligu jipprovdu l-oġġetti ta' l-ikel. Il-persuna responsabbli huma mfakkra li għandhom iżommu bil-miktub kull tranżizzjoni magħmula, sew jekk ma' l-*Universitas* ta' Malta u sew jekk ma' terzi persuni. Għandhom ukoll jinnotaw mhux biss il-kwantità, iżda wkoll il-kwalità ta' l-oġġetti mixtrija. Kellha wkoll tinżamm nota tal-prezz li bihom l-oġġetti kellhom jinbiegħu bl-imnut u tal-perċentwal li kien imiss lill-*Universitas*.

Tfakkar li ebda uffiċjal ma seta' jagħmel ħlas mingħajr l-awtorizżazzjoni bil-miktub ta' l-*Universitas* u kull awtorizżazzjoni kellha tkun irreġistrata. Ifakkar ukoll li kull pagament li jkun ta' iktar minn għaxar skuti (¤2.10 • Lm0.83) kellu jkun awtoriżżat mill-Gvernatur ta' Għawdex jew, fl-assenza tiegħu, mis-*Siniskalk*. *Altimenti*, ma kellu jsir ebda pagament.

F'dawk l-okkażjonijiet meta kellu jsir ħlas antiċipat lill-massari u lil dawk awtoriżżati mix-xiri ta' l-oġġetti ta' l-ikel, il-flus kellhom jingħataw biss lill-persuna awtoriżżata u mhux lil xi aġent tagħha. Is-somma mgħoddija kellha tiġi reġistrata f'żewġ reġistri separati, u, fuq kollox kellu jsir kontroll sħiħ u jingħata sodisfazzjon li l-oġġetti mħallsa kienu fil-fatt mixtrija.

Din, fil-qosor, hi l-ewwel parti ta' l-ordinanzi li kienu ripetuti ta' kull sena. B'dan il-mod, l-*Universitas* kienet tiżgura amministrazzjoni effiċjenti u tnaqqas kemm tista' l-possibiltà ta' tbagħbis.


Ordinationi, statuti, e Pragmatiche perpetuo valitur da osservari nell'Isola del Gozo per comandamento nostro secondo il tenore del Chirografo da noi mandato.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (31)



# IT-TRINITÀ QADDISA Misteru Ewlieni

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

**Bil-kelma "misteru" nifhmu verità reliġjuża li aħna l-bnedmin bl-intelliġenza tagħna biss, ma nistgħu qatt nagħrfuha, verità li tgħallimna għaliex Alla irrevelaha lilna; u ma konna qatt inkunu nafuha kieku Hu ma irrevelalniex u nibqgħu ma nistgħux nifhmuha peress li hija superjuri għall-intelliġenza umana tagħna.**

Dawn il-veritajiet nemmnuhom fuq l-awtorità ta' Dak li rrivelahom, jiġifieri fuq l-awtorità ta' Alla, li huwa l-Verità per essenza, li la jista' jqarraq u l-anqas jitqarraq. L-Ewwel Konċilju Vatikan għallem espressament li jeżistu misteri veri u propri li jistgħu jkunu magħrufa permezz tar-rivelazzjoni biss. Misteri fis-sens assolut jew strett tal-kelma huma dawk il-veritajiet jew realtajiet li anki wara li jkunu ġew rivelati, wieħed ma jistax jifhem il-kontenut tagħhom. Hemm ukoll misteri fis-sens wiesgħa tal-kelma, li huma dawk li l-bniedem ma jistax jagħrafhom ħlief permezz tar-rivelazzjoni; iżda wara li jkollu rivelazzjoni dwarhom, ikun possibbli għalih li jifhem it-tifsira essenzjali tagħhom.

## *Misteru Ċentrali tal-Fidi Nisranija*

Id-domma tas-Santissima Trinità hija misteru, fis-sens assolut tal-kelma, għaliex fiha żewġ veritajiet li r-raġuni tagħna ma tistgħax tifhimhom, meta teħodhom it-tnejn flimkien. L-ewwelnett tgħallem li hemm Alla wieħed u dan nafuh mhux biss mir-raġuni, iżda wkoll mir-rivelazzjoni tar-Rabta l-Qadima u tar-Rabta l-Ġdida. It-tieni verità hija li hemm tliet Persuni u li kull Persuna hija Alla, iżda ma nistgħux nistqarru li hemm tliet allat. Din id-domma naċċettawha bil-fidi, għaliex hekk għallimna Kristu fil-Vanġelu Mqaddes.

Iżda fil-misteru tat-Trinità, ma hemm ebda kontradizzjoni, għaliex għad li skond dan it-twemmin, Alla huwa wieħed u tlieta fl-istess ħin, iżda Alla huwa wieħed fin-natura divina tiegħu, u tlieta mhux fin-natura iżda fil-persuni. Għalhekk biex nifhmu ftit aħjar id-duttrina dwar it-Trinità rridu nagħrfu li l-persuna u n-natura ma għandhomx l-istess tifsira, u minn dak li jgħidulna t-teoloġi, tajjeb li nipprovaw nifhmu d-differenza li hemm bejn it-tifsira ta' natura u t-tifsira ta' persuna.

Id-duttrina ta' l-Inkarnazzjoni, li dwarha tkellimna f'taqsima oħra ta' qabel, tgħinna biex nifhmu li natura u persuna ma humiex l-istess, għaliex fi Kristu, l-Iben t'Alla li sar bniedem, il-persuna hija waħda, il-Verb Etern, u n-naturi huma tnejn: in-natura divina u n-natura umana.

Meta qegħdin nagħtu din l-ispjegazzjoni dwar "natura" u "persuna", aħna nkunu qegħdin nipprovaw infissru jew nagħmlu ftit iktar ċara d-duttrina jew it-tagħlim dwar it-Trinità Qaddisa, iżda b'daqshekk ma naslu qatt biex nifhmu sewwa u nfissru il-misteru tagħha. Biex jitfgħu dawl fuqu, l-awturi nsara jġibu diversi analoġiji u tixbih mal-ħwejjeġ maħluqa, bħal meta jgħidulna li fir-ruħ tal-bniedem, fuq xebħ mat-Trinità Qaddisa, hemm ukoll tliet setgħat: l-intellett, il-memorja u r-rieda, iżda dawn it-tixbihat huma il-bogħod wisq biex joffru tifsir ċar u konvinċenti dwar it-Trinità, li tibqa dejjem misteru li jissupera kull raġunament u paraguni li jistgħu jivvintaw il-bnedmin.

Meta ngħidu li Alla huwa wieħed u naffermaw l-unità tan-natura divina, insibu jaqblu magħna fit-twemmin tagħhom lill-Lhud u lill-Musulmani, għaliex huma wkoll jemmnu f'Alla wieħed, Ħallieq ta' kollox; imma meta nitkellmu dwar il-misteru tas-Santissima Trinità, jew tat-Tliet Persuni f'Alla wieħed, dawk li huma Nsara biss jaċċettaw dan it-tagħlim.

Madanakollu, il-misteru tat-Trinità Qaddisa huwa l-misteru ċentrali tal-fidi u tal-ħajja nisranija. Huwa wkoll punt fundamentali tar-Rivelazzjoni tar-Rabta l-Ġdida; hawnhekk, Alla irrevela lilu nnifsu bħala Trinità.

Aħna l-insara nistqarru l-fidi tagħna f'dan il-misteru ta' spiss matul ħajjitna kollha. Dan inkunu nagħmlu kull darba li nroddu s-sinjal tas-salib u f'ħafna mit-talb liturġiku li nieħdu sehem fih. Saħansitra fl-ewwel sagrament li nirċievu biex insiru nsara, issir l-istqarrija tal-fidi f'dan il-misteru. Difatti, permezz tal-magħmudija, fl-isem tal-Missier u ta' l-

Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, aħna msejħin biex nieħdu sehem fil-ħajja tat-Trinità Qaddisa. Kif naqraw fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 232): "L-insara jitgħammdu; 'fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu,' iwieġbu "Nemmen" għat-tliet mistoqsijiet li jsirulhom ha jistqarru l-fidi tagħhom fil-Missier, fl-Iben u fl-Ispirtu s- Santu.' Il-fidi tal-insara kollha hi fit-Trinità" (San Ċesarju ta' Arles).

## *Il-Maġisteru tal-Knisja dwar it-Trinità*

Dan il-misteru ġie pproklamat diversi drabi fis-Simboli jew stqarrijiet tal-Fidi, fil-Konċilji u dokumenti oħra tal-Maġisteru tal-Knisja; difatti, dak li jgħallem it-Testment il-Ġdid dwar dan il-misteru, ġie mistqarr f'sentenzi u formoli preċiżi fil-Konċilji tal-Knisja, sa mill-ewwel żminijiet.

(i) L-ewwel Konċilju ta' Nicea (325), kontra l-Arjani li kienu jiċħdu li Kristu huwa Alla, jinsisti fuq id-divinità tiegħu u għallem li l-Iben ta' Alla kien "ta' l-istess natura" tal-Missier, jiġifieri Alla wieħed miegħu.

(ii) It-Tieni Konċilju Ekumeniku li nżamm f' Kostantinopli (381) ikkundanna l-ereżija ta' l-Arjani u tal-Maċedonjani; dawn ta' l-aħħar kienu jiċħdu d-divinità ta' l-Ispirtu s-Santu. Dan il-Konċilju approva s-Simbolu hekk imsejjaħ "Niceno-Kostantinopolitan", ċioè l-istqarrija tal-Fidi li fiha jingħad li "l-Iben Waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier... Nemmen fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja ...u li mal-Missier u ma' l-Iben hu adorat u mweġġaħ".

(iii) Ta' l-ewwel sekli wkoll huwa s-Simbolu hekk imsejjaħ "*Quicumque*" mill-ewwel kelma tiegħu, jew Kredu Atanasjan, għax attribwit lil Sant'Atanasju, għad li aktarx sar minn awtur latin mhux magħruf tal-ħames jew is-sitt seklu. F'dan is-Simbolu hemm ġabra tat–tagħlim tal-Knisja dwar it-Trinità, kontra l-ereżija tas-Sabelljani li kienu jiċħdu li f'Alla hemm tliet persuni, u kontra dik tat-Tritejisti, li kienu jgħidu li hemm tliet allat. F'dan is-simbolu, nistqarru li "Il-Fidi Kattolika hija din; li aħna naduraw Alla wieħed fit-Trinità u t-Trinità fl-unità".

(iv) Ir-raba' Konċilju Lateran (1215) barra milli ikkundanna l-errur triteistiku ta' Gioacchino da Fiore, għallem li "Wieħed biss huwa l-veru Alla...Missier, Iben u Spirtu s-Santu, tliet persuni, essenza waħda ... il-Missier li ma hu ġej minn ħadd, l-Iben li ġej mill-Missier waħdu u l-Ispirtu s-Santu li ġej mit-tnejn flimkien, dejjem mingħajr bidu u mingħajr tmiem."

(v) It-tieni Konċilju ta' Lyons (1274) stqarr li l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier u mill-Iben, bħal minn prinċipju wieħed.

(vi) Il-Konċilju ta' Firenze (1438- 45) iddikjara li "L-Ispirtu s-Santu għandu l-essenza u l-esseri tiegħu mill-Missier u mill-Iben flimkien u ġej mill-wieħed u mill-ieħor, qisu minn prinċipju wieħed u minn ispirazzjoni waħda" (KKK 426). Hekk ukoll fid-digriet għall-Ġakobiti, approvat mill-istess Konċilju, jingħad "Il-Missier mhux imnissel, l-Iben imnissel mill-Missier u



l-Ispirtu s-Santu jipproċiedi mill- Missier u mill-Iben".

(vii) Fil-Kredu tal-Papa Pawlu VI, nistqarru li "Aħna nemmnu f'Alla wieħed, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu...Nemmnu f'Alla, li nissel minn dejjem l-Iben; fl-Iben, il-Verb ta' Alla, li hu mnissel minn dejjem; fl-Ispirtu s-Santu, Persuna mhux maħluqa li ġejja mill-Missier u mill-Iben bħala l-Imħabba tagħhom minn dejjem".

(viii) Id-Dikjarazzjoni "*Mysterium Fidei*" tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, tal- 21 ta' Frar 1972, għall-ħarsien tal-misteru ta' l-inkarnazzjoni u tat-Trinità tgħid: "Hija kuntrarja għall-Fidi l-opinjoni li żżomm li r-Rivelazzjoni tħallina fid-dubbju dwar l-eternità tat-Trinità u b'mod partikulari, dwar l-eżistenza eterna ta' l-Ispirtu s-Santu, bħala persuna f'Alla, distinta mill-Missier u mill-Iben".

Kull meta ngħidu "Trinità Qaddisa" inkunu qegħdin nirriferu għall-misteru tat-Tliet Persuni verament magħżulin minn xulxin, f'sustanza, natura jew essenza waħda u fost dawn il-persuni, t-Tieni tipproċiedi mill-Ewwel, għax imnissel minnha sa mill-eternità u t-Tielet Persuna tipproċiedi bi "spirazzjoni", mill-Ewwel u mit-Tieni, bħal minn prinċipju wieħed.

"Waqt li tadura t-Trinità li tagħti l-ħajja u li hija ta' natura waħda u mhux maqsuma, il-fidi tal-Knisja tistqarr li fit-Trinità hemm tliet Persuni. Meta l-Missier jibgħat il-Verb tiegħu, jibgħat ukoll dejjem l-Ispirtu tiegħu, missjoni flimkien, li fiha l-Iben u l-Ispirtu, għalkemm magħżulin minn xulxin, ma humiex mifrudin" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n. 689).

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## XOGĦOL IEĦOR TAL-BIDWI

### *IL-ĦART*

Il-ħart dari kien isir bil-moħriet tal-bhima. Dan kien isir bil-moħriet tradizzjonali, li kien ta' żewġ xorta, tal-wieħed u taż-żewġ. Jidher li l-għamla ta' dawn iż-żewġ imħaret tradizzjonali ftit li xejn inbidlet minn mindu din il-għodda importanti ġict ivvintata min-nies stess li jaħdmu l-art.

### *Il-moħriet tal-wieħed*

Dari kien hawn il-mastrudaxxa ta' l-imħaret, l-istess bħalma kien hawn dak tal-karrettuni, li għalkemm kien jagħmel xogħol ieħor, kien jispeċjalizza, biex ngħidu hekk, fix-xogħol ta' l-imħaret. Għalhekk, kull parti tal-moħriet kellha isem..

**IL-MOĦRIET**




**A** il-bejta
**B** is-sikka
**C** is-sehem
**D** is-sejf
**E** iż-żrier tas-sejf
**F** il-kavilja tad-driegħ
**G** il-kavilja tas-sehem
**H** id-driegħ
**I** il-ħatuha
**K** il-leħja tal-ħatuha
**L** il-katrun
**M** il-musmar tal-katrun
**N** il-kontri tat-taranti

L-ewwel biċċa kienet iz-zokk oħxon mimdud li jitkaxkar fir-radda ma' l-art. Dan kien jissejjaħ il-bejta. Min-naħa ta' wara kienet tkun maqtugħa ġejja għat-tond u kienet tissejjaħ tinet il-bejta (jiġifieri t-tina jew il- patata tal-bejta). Min-naħa ta' quddiem kien ikun ġej qisu lsien ta' suffara u, għalhekk, kien jissejjaħ l-ilsien. Biex ikun ippuntat biżżejjed ħalli jofroq il-ħamrija u jkisser it-tub, kienu jagħmlulu sikka tal-ħadid li kienet tkun azzarjata, ġejja għall-ponta u kemxejn imgħawġa 'l isfel. Din kienet titlibbes bħal għant fil-wisa' ta' l-ilsien.

Min-naħa ta' quddiem tal-bejta toħroġ fergħa ta' l-injam ħoxna u mgħawġa 'l quddiem. Din il-fergħa ta' l-injam, kienet tkun magħżula minn siġra

apposta biex tkun safja u b'saħħitha. Dan iz-zokk jissejjaħ is-saham jew is-sehem. Dan kien ikun imwaħħal tajjeb fil-bejta biex ma jiċċaqlaqx waqt ix-xogħol u marbut bi żrier ta' l-injam qisu musmar oħxon mal-qiegħ. Kien ikollu wkoll biċċa għuda nieżla minn ġo fih u mwaħħla f'toqba oħra aktar 'il quddiem fil-bejta. Din il-biċċa għuda kienet tissejjaħ is-sejf għax kienet tidher qisha sejf li jinfed is-sehem min-naħa għal oħra. Is-sejf kien ikun marbut bi żrier ieħor imsejjaħ iż-żrier tas-sejf.

Fuq in-naħa ta' wara tas-sehem kienet titla' fergħa oħra ta' l-injam għad-dritt qisha l-waqqafa ta' salib. Din kienet tissejjaħ id-driegħ. Permezz tad-driegħ il-bidwi jew il-ħarrat waqt il-ħart kien jista' jmexxi l-moħriet kif irid hu. Għidna li d-driegħ għandu d-dehra ta' salib għax ikollu biċċa njama taqsam minn ġo fih in-naħa ta' fuq, bħat-traversa tas-salib. Din l-injama kienet tissejjaħ il-ħatuħa. Il-bidwi kien jaqbad il-moħriet minnha, u biex ma tiżloqx minn idu, in-naħa tiegħu, il-ħatuħa kienet tkun daqsxejn milwija 'l isfel. Din il-liwja kienet tissejjaħ il-leħja tal-ħatuħa. Id-driegħ u l-ħatuħa kienu jinżammu f'posthom b'kavilji apposta, waħda msejħa l-kavilja tad-driegħ u l-oħra l-kavilja tal-ħatuħa.

Fit-tarf tas-sehem, ikun hemm biċċa injama oħra li ddur minn nofsha fuq musmar jew żrier tal-ħadid. Din l-injama tissejjaħ il-katrun u tkun twila xibrejn jew xibrejn u ftit. Tkun imwaħħla min-naħa ta' taħt tas-sehem. Iż-żrier tal-ħadid jissejjaħ il-musmar tal-katrun. Il-katrun ikun magħmul li jista' jdur bil-ħeffa fuq is-sehem ħalli l-bhima ma tkunx imxekkla u mfixkla fil-mixi tagħha minħabba fih.

Fit-truf tal-katrun ikun hemm vajlori jew ħoloq tal-ħadid biex magħhom jintrabtu t-taranti jew tiranti inkella l-ħbula li bihom il-bhima tiġbed il-moħriet. Dawn igħidulhom il-kontri. F'tarf minnhom tal-katrun ikun hemm ħolqa doppja biex meta jkun se jaħrat mal-ħajt il-ħarrat jorbot it-taranti ma' naħa waħda biss tal-katrun u hekk dan ma jeħillux mal-ħajt. It-tarf l-ieħor tal-katrun idur għal taħt is-sehem.

It-taranti jorbothom biss maż-żewġt itruf tal-katrun meta jkun jaħrat fil-wisa' tar-raba'.

### *Il-moħriet taż-żewġ*

Il-moħriet taż-żewġ hu l-istess bħall-moħriet tal-wieħed, imma billi jkunu jridu jiġbduh żewġ bhejjem, allura jkollu bżonn xi żjidiet. Qabel xejn irid itawwal is-sehem. U l-ewwel għuda li tiżdied igħidulha l-wasla u din tkun twila mas-sitt piedi. Din tintrabat ma' tarf is-sehem b'żewġ vajlori tal-ħadid u b'żewġ żririjiet jew imsiemer. Billi l-wasla trid togħla mill-art biex tlaħħaq mal-bhejjem, bejnha u bejn is-sehem iwaħħlu feles. Imbagħad

**IL-MOĦRIET TAŻ-ŻEWĠ**




**A** il-moħriet
**B** il-wasla
**C** id-debba
**D** iż-żrier
**E** il-feles
**F** il-vajlori
**G** it-toqob tal-ħaliel
**H** il-madmad

**I** il-keffa
**K** il-maħanqa
**L** it-timjiliet
**M** ix-xriek
**N** ix-xbejju
**O** il-kavilji tax-xbejju
**P** it-toqob tal-egħkies
**Q** il-ħaliel

ma' tarf il-wasla tiżdied biċċa oħra li tissejjaħ id-debba,li tkun twila ma' l-erba' piedi. Din il-biċċa zokk jew għuda tintrabat mal-wasla b'żewġ vajlori u b'żewġt iżriezet ukoll. U hekk għandna l-moħriet taż-żewġ.

Issa l-moħriet taż-żewġ ma jkollux katrun, imma madmad. Il-madmad ikun twil mas-seba' piedi u nofs. Ikun tal-għuda, maqtugħ ċatt mill-għoli, u fin-nofs il-medda hija ta' xi ħames piedi u daqsxejn imħattba 'l fuq. Fit-truf li jaħbtu fuq għonq il-bhejjem, jispiċċaw b'liwja li tissejjaħ il-keffa. Għalhekk, il-madmad igħidulu ta' żewġ kefef.

Il-madmad jintrama l-ewwel billi jintelaq fuq għonq il-bhejjem. Kull keffa għandha żewġ toqbiet biex igħaddi l-ħabel li jżomm il-maħanqa. Il-maħanqa tkun faxxa tal-kotnina ħoxna li tintrabat madwar għonq il-bhima biex il-madmad iżomm u ma jaqax.

Issa f'nofs il-madmad ikun hemm għollieqa tal-ħabel mitni ħamsa jew sitt darbiet, mhux rabta sħiħa, għollieqa mlaħalħa biex tista' titmexxa 'l hawn u 'l hinn. Din tissejjaħ ix-xriek. Fit-tarf ta' isfel tax-xriek tidħol bħal nagħla ta' żiemel li tkun tal-għuda. Din igħidulha x-xbejju, u tibqa' mdendla miegħu. Iż-żewġt itruf tax-xbejju ma jmissux ma' xulxin, imma għandhom it-tisriġ ta' siegla rqiqa, li jiġi li jagħlaq id-dawra. Biex il-għollieqa tax-xbejju ma toqgħodx tilgħab, iwaħħlulha kavilja kull naħa, li jissejħu l-kavilji tax-xbejju.

Fl-aħħar tintrabat id-debba max-xbejju. Id-debba fiha tliet toqbiet li jissejħu t-toqob tal-ħaliel. Dawn qegħdin waħda wara l-oħra biex wieħed jiġi fil-qies li jrid. Meta jara li jiġi fit-tul li jmissu, il-bidwi jdaħħal qisu musmar kbir tal-għuda f'waħda mit-toqob u jibqa' dieħel fit-tisriġ ta' tarf ix-xbejju, dik hi r-rabta kollha. Dan il-musmar tal-għuda jgħidulu l-ħaliel, u hu jorbot kollox.

Fuq ix-xifer ta' fuq tal-madmad ikun hemm bħal żewġ darsiet maqtugħa fih li jagħmlu tliet ħofriet. Dawn it-tliet ħofriet jissejħu t-timjiliet tal-madmad. Issa x-xriek jidħol f'waħda minn dawn it-timjiliet. Meta l-bhejjem ikunu ta' saħħa waħda jidħol f'tan-nofs, imma meta waħda tkun dgħajfa iżjed mill-oħra, il-ħarrat iressaq ix-xriek fil-ħofra li tiġi lejn il-bhima l-oħra, u hekk inaqqas ix-xogħol minn fuq waħda u jitfgħu fuq l-oħra.

Fil-madmad hemm ukoll żewġ toqbiet imsejħin tal-għekejjes li minnhom igħaddu s-swiegel jew ċwejjem li tarf minnhom ikun marbut ma' ras il-bhejjem bħal kappestru, u t-tarf l-ieħor ikun f'idejn il-bidwi jew il-ħarrat biex jekk xi bhima jfettlilha ddawwar rasha u tipprova tiġbed għall-ġenb, dak mill-ewwel jiġbed il-ħabel u jerġa' jġibha f'postha ħalli timxi għad-dritt.

Waqt il-ħart il-bidwi jkollu f'idu wkoll għodda oħra igħidulha l-għatla. F'tarf minnhom il-għatla jkollha biċċa ħabel jew ċinga tal-ġild biex isservi ta' frosta ħalli jekk il-bhejjem jippruvaw jitgħażżnu jdoqqilhom waħda kif imiss ħalli jkomplu jaħdmu. Min-naħa l-oħra l-għatla jkollha bħal xafra biex meta l-moħriet jiġbor miegħu t-tajn u jsir tqil bil-ħamrija iebsa li teħel miegħu, il-bidwi jnaddfu bil-għatla, u wara jkun jista' jkompli jaħrat bil-kumdità kollha.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**



**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



**gozo press**

Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look

*Sharmain's Styling Salon*

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

**Xerri l-Bukkett**



***Bar***

***Restaurant Pizzeria***

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 21553500**

**HILITE**

HARDWARE STORE

***FRANCO - BELGE FIRE PLACES***

*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**Home Decorations**

- *Specialising in Gypsum wall partitions*
- *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
- *PVC Wall Panelling*
- *Interior Painting*

For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**

- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

**FUQ L-INTERNET**

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

# Għawdex... kif nafu u narah jien 9



## "BDEJT NAGĦRAF U NAPPREZZA L-PREĠJI U S-SBUĦIJA TAL-GŻIRA GĦAWDXIJA"

*Il-Kavallier Paul Saliba, L.P. jagħtina l-impressjonijiet u l-fehmiet tiegħu*

**L-ewwel "kuntatt" li kelli ma' Għawdex kien indirett. Kien għall-ħabta ta' nofs is-snin '50 meta tgħarrast ma' Miranda, bint it-tabib William Aquilina li fl-1940, meta kien Suprettendent ta' l-isptar San Vinċenz de Paul, kien intbagħat f'San Kalċidonju, fir-Rabat t'Għawdex, fejn kienu ġew alloġġjati provviżorjament ix-xjuħ ta' l-Imgieret biex jitħarsu mill-periklu tal-bombi li, aktar tard, bdew neżlin fuq Ħal Luqa.**

Meta sirt midħla fid-dar ta' Dr. Aquilina, kont nisimgħu ta' spiss jirrakkonta, b'xi ftit ta' nostalġija, l-esperjenzi tiegħu fis-sentejn li hu u l-familja tiegħu kienu joqogħdu f'dar fi Triq Vajringa, fir-Rabat, u stejjer dwar ħbieb u kollegi tiegħu, fosthom Dr Anton Tabone (missier l-Ispeaker), Dr Willie Grima (il-missier, li kien il-"Prinċipal" ta' l-Isptar Ċentrali) u Dr Antonio Cremona (missier l-ex Prim Imħallef Prof. J.J.Cremona).

Dr Aquilina (li f'Għawdex kien magħruf bħala "Il-Prinċipal Malti" biex jiddistingwuh minn Dr Grima), kien jirrakkonta meta fil-għaxijiet, f'xi ħinijiet liberi, kien jinżel ix-Xlendi u taparsi jintasab jistad, u ta' sikwit kien jinżel ukoll ix-Xlendi, fil-passiġġata li kien jagħmel regolarment, l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi, u jgħaddu xi ħin jitkellmu flimkien. Kien isemmi wkoll (żgur li mhux b'nostalġija) il-biża' li kien jaqbdu fil-*week-end* meta kien ikollu jiġi Malta biex jara lil ibnu, li kien jattendi l-Liċeo u għalhekk kien iħallieh ma' zijietu f'Malta, u mbagħad kien jerġa' lura għal Għawdex bosta drabi waqt bumbardamenti u fost il-perikli tal-mini tal-baħar.

### *Il-kwiet u l-paċi tal-kampanja Għawdxija*

Waslu s-snin '60, u jien, l-ewwel bħala Segretarju Ġenerali u mbagħad bħala President Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija, flimkien ma' Mons. Mikiel Azzopardi u d-Direttorju Ġenerali ta' l-A.K.M., bdejna nippjanaw, flimkien ma' l-Azzjoni Kattolika t'Għawdex, biex namalgamaw iż-żewġ għaqdiet. F'dak iż-żmien, il-President ta' l-A.K. f'Għawdex kien Dr Anton Tabone, u l-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali kien Dun Nikol Cauchi (aktar tard l-E.T. Mons. Isqof). U bdew isiru l-laqgħat bejn ir-rappreżentanti ta' l-A.K. taż-żewġ djoċesijiet, daqqa' f'Malta u daqqa f'Għawdex, bil-għan li jiġi mfassal statut uniku. Dun Nikol Cauchi kellu sehem kbir f'dawn il-laqgħat. Kien f'dawn l-okkażjonijiet li sirt midħla sew t'Għawdex u bdejt nagħraf u napprezza l-preġji u s-sbuħija tal-gżira Għawdxija. Kien ukoll f'dak iż-żmien li żviluppat rabta mill-qrib bejni u Dun Nikol u Dr Tabone, aktar u aktar meta Dr Tabone sar jaf bir-relazzjoni tiegħi ma' ħabibu tal-qalb Dr Willie Aquilina.



Fl-1967, Dun Nikol Cauchi nħatar Amministratur Apostoliku għal Għawdex u kien ordnat Isqof. F'dik l-okkażjoni ta' ferħ, id-Direttorju Ġenerali kollu ta' l-A.K.M. morna Għawdex biex, flimkien mad-Direttorju ta' l-A.K. ta' dik id-djoċesi, niffesteġġjaw lil Mons. Isqof. U bdejt ta' sikwit niġi mistieden biex nagħmel taħdidiet f'xi parroċċi f'Għawdex. Dejjem kien ikolli attendenza apprezzabbli. Ġeneralment kont ngħaddi l-lejl hemm, u l-gost tiegħi kien meta fil-għodu kmieni, meta nkun qed inħejji ruħi biex nirritorna lejn Malta, kont nosserva l-kwiet u l-paċi li kienu jsaltnu minn kull fejn ngħaddi, speċjalment fil-kampanja.

Is-sempliċità tal-bdiewa, bi xkora bl-għodod fuq spallejhom, sejrin lejn ir-raba', kienet tant tolqotni, jien li trabbejt qalb ir-raba' fir-Rabat ta' Malta. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm dak l-iżvilupp ta' bini u l-volum ta' traffiku li naraw illum; il-kampanja għawdxija kienet għadha aktar safja u ħielsa mit-tinġiż. U ma kinux għadhom bdew dawk l-invażjonijiet ta' eluf kbar ta' Maltin f'kull *week-end* li naraw illum u li, għalkemm dawn jgħinu sustanzjalment l-ekonomija tal-post, iħallu warajhom ħmieġ kull fejn ikunu.

## *Dejjem sibt kooperazzjoni sħiħa*

Sadattant, l-aktar wara li fl-1973 inħtart editur ta' "Leħen is-Sewwa" mill-Konferenza Episkopali Maltija, bqajt nitla' Għawdex, xi drabi għal xi taħdita jew laqgħa, u drabi oħra għal nofs ta' nhar mistrieħ; u komplejt noħloq rabtiet sodi ta' ħbiberija ma' għadd ta' Għawdxin, uħud minnhom kollaboraturi assidwi ta' "Leħen is-Sewwa", ewlieni fosthom l-Arċipriet tax-Xewkija, Mons. Dun Karm Mercieca. Dawn minbarra Mons. Isqof Cauchi, li għal madwar 20 sena ilu jikkontribwixxi regolarment l-artikli tiegħu kważi kull ġimgħa. Nista' niżvela wkoll b'sodisfazzjon li l-għadd ta' abbonati għawdxin fil-"Leħen" huwa tassew impressjonanti.



Ir-rabta tiegħi ma' Għawdex kompliet tissaħħaħ meta, fl-1995, kont nominat Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet żgħar u, f'din il-kariga, kelli nservi fil-qrati kemm ta' Malta kif ukoll t'Għawdex. Għal sitt snin bqajt nitla' Għawdex regolarment, medja ta' darbtejn fix-xahar. U sirt naf aktar mill-qrib il-klassi legali għawdxija: kemm mill-istaff tal-Qorti u kemm mill-avukati għawdxin dejjem sibt kooperazzjoni sħiħa; dawn ħallewli impressjoni tajba tax-xogħol tagħhom li jippreparawh u jesegwuh b'sens ta' responsabbiltà u b'effiċjenza.

Nagħlaq b'xi impressjonijiet oħra dwar l-Għawdxin. Dejjem għaġġibni l-fatt li, fost l-Għawdxin, issib numru relattivament kbir ta' nies li jibbrillaw fl-oqsma ta' l-arti u l-kultura. Paragunati mal-Maltin, l-Għawdxin huma nies aktar marbuta mal-knisja parrokkjali tagħhom, nies li jafu jiċċelebraw il-festi reliġjużi tar-raħal tagħhom u jattendu aktar bi ħġarhom għall-funzjonijiet liturġiċi. U minkejja li jingħad li ħafna miż-żgħażagħ għawdxin żgiċċaw minn taħt id-dell tal-Knisja, madankollu d-djoċesi għawdxija għadha tgawdi l-grazzja ta' għadd sabiħ ta' vokazzjonijiet saċerdotali. Jalla l-poplu għawdxi jibqa' jgħożż dak kollu li hemm tajjeb fit-tradizzjonijiet tiegħu.


**Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari...**

TAL-ĦWAWAR

*Issib Ħwawar,*

*Ħxejjex Aromatiċi,*

*Frott Imqaddet għall-Ħelu*

*u Prodotti oħra għall-ikel*

**14-15 Kerċem Road, Victoria**

**Tel: 2156 2160**

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



*Il-bieb ewlieni tal-monasteru.*

# 3. Karolina twaqqaf is-Sorijiet Dumnikani

**jikteb Angelo Xuereb**

Karolina hija l-fundatriċi tas-sorijiet Dumnikani. Iżda ta' min jinnota li għalkemm kienet ta' ħajja spiritwali profonda, qatt ma ngħaqdet magħhom iżda baqgħet tgħix qisha soru fid-dar.

Kienet mara kuraġġjuża u ta' paċenzja. Il mewt ħesrem ta' Fortunata u t-telf tal-ġid kollu materjali tagħha, in-nuqqas ta' fondi tad-djoċesi u l-fatt li hija ma kellhiex f'idejha l-ġid tal-familja, dewwem it-twaqqif tal-monasteru. L-ispiritwalità tagħha li titħaddan mas-salib narawha minn ittra li kitbet fis-16 ta' April 1864 ftit xhur qabel il-mewt ta' Fortunata Spiteri: "Imma kemm kelli nsofri, għażiż missier; kont imħabbta minn eluf u eluf ta' tentazzjonijiet li kienu ta' manjiera tali li ma ħallewnix nakkwista, anki għal daqsxejn, naqra ta' paċi. Imma jkun imbierek il-Għarus tiegħi Ġesù li b'hekk jippermetti li jiena nkun imħarrġa b'dan il-mod, f'dawn il-jiem kollha li aħna, għażiż missier, konna mbiegħda minn xulxin; l-uniku mistrieħ tiegħi kien li nitfa' ħarsti fuq il-Għarus tiegħi Msallab; u hekk, mimlija dmugħ u mgħannqa miegħu, ippruvajt li nikseb ftit mistrieħ mill-pjagi tiegħu". Hija kitbet din l-ittra lid-direttur spiritwali tagħha u turina l-ħarsa tagħha lejn il-Kurċifiss matul ħajjitha.

Karolina ma qatgħetx qalbha u meta fl-1872 sfat rajha f'idejha l-ħolma tagħha bdiet riesqa lejn it-twettiq tagħha. Għalhekk fil-21 ta' Settembru, 1883 għamlet il-ftehim formali għall-fundazzjoni tal-monasteru fil-preżenza ta' l-Isqof Monsinjur Pietru Pace. Tnax-il sena wara hija għaddiet il-monasteru, l-art li fuqu nbena u l-għelieqi ta' madwaru, lill-kongregazzjoni li kienet għadha kif twieldet. Il-ħsieb ta' Karolina kien li jkunu sorijiet klawstrali, iżda dan il-ħsieb inbidel u hekk saru kongregazzjoni ta' sorijiet mogħtija għax-xogħol tal-kura tal-morda. F'dan ir-rigward Karolina Cauchi kellha tagħti s-sehem tagħha biex tiżviluppa l-għalqa li fiha l-kongregazzjoni skond l-ispirtu ta' San Duminku kellha taħdem, jiġifieri ma' l-anzjani.

Għalkemm Karolina kellha dan is-sehem fit-twaqqif ta' l-ordni tas-Sorijiet Dumnikani hija baqgħet tgħix qisha soru fid-dar. Kienet imdorrija tikteb fuq il-kotba tat-talb xi pariri jew xi ħaġa li tkun semgħet minn xi priedka. Tnejn minn dawn in-notamenti huma: i. Ipprattika l-virtù kontra d-difett li wieħed jaqa' l-aktar spiss; ii) Immortifikaw ruħkom f'xi ħaġa li tagħtikom pjaċir.

Kienet tuża wkoll il-kotba: "l-Innijiet Imqaddsa" (ġabra ta' l-innijiet kollha mill-Brevjar Ruman u xi siltiet mill-Missal) u l-*Manuale di Filotea*, stampat Milan fl-1886. Ma' dan hija kienet tirreċita l-Brevjar kif ukoll tgħix ħajja ntensa ta' talb.

Iżda l-aktar ħaġa li spikkat f'ħajjitha kienet id-dispożizzjoni tagħha li tagħti minn ġidha għal din l-opra hekk qaddisa.





FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131




57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

## FEHMET IL-QARREJJA

# Sett ta' Kotba mill-isbaħ għat-Tfal

*Sur Editur,*

*Il-Lumen Christi Media Centre ta' Għawdex ilha tħoss il-bżonn li t-tfal minn ċkunithom għandu jkollhom kotba bi kliem sempliċi u bi stampi sbieħ ikkuluriti, ħalli jinġibdu aktar lejn it-tagħlim tar-reliġjon u jsiru jħobbuha. U dan il-bżonn iħossuh ukoll ħafna ġenituri.*

*Il-Lumen Christi l-ewwel ippubblikat, apposta għat-tfal, worksheets bi stampi kkuluriti ħalli meta jiġu biex ifittxu santa għall-proġetti tad-duttrina jsibuha mill-worksheets u jqasqsuha. Hemm sett ta' 12 b'suġġetti differenti u b'indiċi għalihom flimkien. Ma' dawn, dan l-aħħar ippubblikaw sensiela sabiħa ta' disa' kotba: "Katekiżmu għaċ-Ċkejknin". Nixtieq nifirħilhom minn qalbi għal din l-inizjattiva. Dawn il-kotba għaż-żgħar nistħajjilhom dik il-ġebla li tintefa' fil-baħar u tibda l-ewwel tagħmel ċirku żgħir, imbagħad ċirku wara l-ieħor, wieħed dejjem akbar mill-ieħor.*
*Araw kemm hu hekk:*

*Fil-"Katekiżmu għaż-Żgħar Nett" it-tfal ser jitgħallmu punti essenzjali fuq Alla, fuq Ġesù, fuq Omm Ġesù, u suġġetti oħra, b'sempliċità kbira. Il-"Katekiżmu għaċ-Ċkejknin" jittratta fuq l-iskop tal-ħolqien tagħna, x'irid Alla minni, kif nista' naqdih u nħobbu, l-istorja tal-ħolqien, l-Ispirtu s-Santu, il-Knisja u s-Sagramenti. Dan hu Gwida Ġenerali għas-seba' l-oħra enumerati.*

*Fl-ewwel ktieb insibu l-Kredu mfisser taħt it-titlu "Iva Nemmen", u jitkellem fuq Alla, fuq Ġesù u fuq l-Ispirtu s-Santu, l-istess tagħlim mibni fuq ta' qabel imma biż-żieda ta' tagħlim fuq dak li diġà tgħallmu qabel. It-tieni ktieb, "Alla jħobbna lkoll", huwa mibni fuq it-tagħlim ta' qabel - Alla, Ġesù u l-Knisja Tiegħu, l-Ispirtu s-Santu, u l-Madonna, però b'żieda ta' tagħlim, dejjem iżidu ma' dak li diġà jkunu tgħallmu. Wara dan jiġu "L-Għaxar Kmandamenti". Imbagħad il-ktieb ta' wara, "It-Tagħlim ta' Ġesù", in-numru 4, jitkellem fuq Ġesù, il-Barkiet tal-Ħajja, l-imħabba lejn l-għedewwa tagħna, it-talb u kif għandna nitolbu, il-fiduċja f'Alla, Ġesù fl-Ewkaristija, il-Quddiesa, u l-Ispirtu s-Santu, dejjem mibni fuq ta' qablu b'żidiet sostanzjali ta' tagħlim meħud mill-Vanġeli. Il-ktieb numru 5 jitratta dwar il-"Parabboli ta' Ġesù". Insibu t-tagħlim ta' Ġesù kif jiġi applikat fil-prattika f'ħajjitna skond il-parabboli. L-aħħar żewġ kotba huma ġabra ta' l-aqwa mirakli ta' Ġesù b'tagħlima qasira għal kull miraklu, u ġabra oħra ta' prinċipji tal-fidi taħt forma ta' "talb kateketiku" li jgħin lit-tfal "jimxu wara Ġesù" u kif għandhom jitolbu.*

*Dawn il-Kotba tal-Katekiżmu, illustrati tant sabiħ u bi kliem ħafif addattat għat-tfal, għandhom ikunu f'idejn il-katekisti u aktar u aktar f'idejn it-tfal tad-duttrina biex jużawhom kif iridu u kemm iridu. Huma kotba tajbin ħafna li fihom hemm mistur ħafna xogħol minn persuni li jħobbu t-tfal u jixtiequ jarawhom iħobbu u japprezzaw ir-reliġjon nisranija u fuq kollox li jpoġġu twemminhom fil-prattika. Fihom tagħlim bażiku li jservihom tul ħajjithom kollha, mimlija bi prinċipji sodi u ċari imma b'adattament sempliċi għat-tfal. La l-ġenituri u lanqas il-katekisti ma jistgħu jgħidu li m'għandhomx kotba addattati għat-tfal. Il-ġenituri u dawk il-familjari li jieħdu ħsieb it-tfal għandhom ikollhom is-sett kollu tal-kotba d-dar biex jirriferu għalihom skond il-bżonn. Tajjeb li jkunu f'idejn it-tfal, għax it-tfal iħobbu jaqraw u r-ripetizzjoni ma ddejjaqhomx. Aktar ma jaqrawhom aktar jifhmu u jinżlu fil-profondità tat-tagħlim u jagħrfu l-profondità ta' l-imħabba t'Alla lejhom, li ma jistax ikun li ma jħossuhomx obbligati lejH.*

*Wara li jkunu studjaw tajjeb dan it-tagħlim bażiku li jinsab f'dawn id-disa' kotba ta' "Katekiżmu għaċ-Ċkejknin", żgur li jgħożżu l-kobor u s-sbuħija tar-reliġjon nisranija u ma jonqsux li jibqgħu sħaħ fil-fidi u ma jitbegħdux mill-valuri nsara.Jalla x-xogħol kbir li ħadu Dun Anton Sultana, Carmel Cachia, Mons. Salv Grima, Seminaristi, Spigolatriċi, u oħrajn fit-'team' li ħejjewhom, iħalli frott dejjiemi ħalli jintlaħaq l-iskop li minħabba fih saru dawn il-kotba. Jinxtraw bi prezz għall-but ta' kulħadd, ta' Lm 1.05 biss. Fil-parroċċi fejn issir il-Griżma ta' l-Isqof, jew l-Ewwel Tqarbina, inkella xi okkażjoni oħra bħal f' "birthdays" jew għall-Milied, żgur li t-tfal jieħdu gost b'rigal ta' sett ta' kotba ta' din il-kwalità tant attraenti u nteressanti.*

**Mary Puli**
**Editur tal-Gazzetta "Tagħna t-Tfal"**
**Sliema, 25 ta' Ottubru 2004**

*Għawdxin li għadna niftakru - 19* *Minn Pawlu Mizzi*

# L-AVUKAT ANTON CALLEJA

Rajtu l-ewwel darba kelli bilkemm erbatax-il sena. Donnu ma kienx wiċċ ġdid għalija. U bqajt inħares lejh.

Kont dak iż-żmien fil-kwarta tas-Seminarju. Ngħid is-sewwa kont għadni moħħ ir-riħ. Aktar ħsiebni fil-*films* u l-artisti milli fil-kotba u f'li kien jgħid is-surmast fil-klassi. Ma kontx nista' nara ritratt ta' Ingrid Bergmann. Kont niġbru u ngħożżu aktar minn santa. Kont iffisat fihom aktar mill-plejers tal-futbol.

Forsi, għalhekk, laqatni dak inhar Anton Calleja. Stħajjiltu Erol Flinn. Jixbhu kważi f'kollox.

Żnell, pulit, u b'wiċċu kemxejn tawwali. Anke xagħru kien bħal tiegħu. Miġbud lura u kważi maqlugħ minn fuq ġbinu.

Bqajt nhewden fuqu. Infaqqas ħsieb wara ieħor. Min sata' u min ma setax kien.

"Min jaf!" għidt f'qalbi. "Forsi surmast ġdid flok tal-Malti!".

U biex ma nagħtix fil-għajn u ninkixef li kien keċċieni mill-klassi, trekkint mal-koxxa tat-tieqa taparsi qed ngħodd il-ħofor fil-bitħa tal-grandi. 'Erol Flinn', imma, rani u staqsieni: 'Fejn insib lis-sur Pisani, ħabib tagħna?".

Ma kontx sa ngħidlu. Imbagħad urejtu l-bieb u ħabbat. Ma kellux tweġiba. Imbagħad reġa' ħabbat u reġa ħabbat. Kuldarba daqsxejn aktar bil-qawwi minn qabel. Fl-aħħar il-bieb infetaħ beraħ qisu b'molla. Hadt qatgħa għax stennejt lis-sur Pisani ħiereġ sparat għalija. Minflok tfaċċa ħiemed, miexi lura mitluf jispjega 'In-Nirien' ta' Karmenu Vassallo. Waqaf fil-bieb. B'daharu 'l barra. U bla ma ħares staqsa: "Għidli! X'naqsek?".

'Erol Flinn' ma weġibx. Minflok tbissem. Donnha għoġbitu dik ix-xena! U baqa' jistenna. Imbagħad is-sur Pisani dar bilmod, b'lajma ta' wieħed li m'għandux għaġġla jagħti attenzjoni, u ħares minn taħt in-nuċċali.

"U mela int, *avocatino*!" qallu kif skopra min kien ħabbat. U feraħ bih qisu kien ġej minn xi għaxar snin safar. Imbagħad, biex jgħatti l-iżbal tiegħu, qallu: "Ħsibt li kien dak il-purċinell!".

X'għamiltlu biex nikseb dak il-kumpliment ma nafx. U tlabtu jdaħħalni. Imma lanqas ta kas. U bqajt ninsisti. Bl-*avocatino* jħares lejja bil-ħniena.

"U ħallih jidħol," qallu. "Dak ħabib tiegħi! U għall-Malti! Bi ftit Malti tiegħek għad ikun aħjar minnek u minni," kompla bi ftit sarkażmu.

U b'daqqa t'għajn ftiehmu. Imbagħad ħarbixli xagħri u s-sur Pisani warrabli biex nidħol ġewwa.

Kienet il-magħmudija tad-demm tal-ħbiberija tagħna. Għamilna paċi. U minn dak inhar tħabbibt mal-Malti!

Li tħobb il-Malti dak iż-żmien ma kenitx moda. L-iktar fis-Seminarju. 'Ħela ta' ħin!' kienu jgħidulek. U allaħares jisimgħuk titkellmu għax b'rasek idur. La kienu jħalluk tilgħab u lanqas tmur id-dar fl-iskampanjata.



"*Dok m'andkimx bżunnuw el-Multuj*," kien iwissina Dun Luċjan. "*La bix telħek kessejs u lakkas bix issifir*".

Illum nidħak niftakar f'dawn l-esperjenzi. L-iktar meta naħseb kif kont iffissat fil-Malti. U, tassew, ma nafx ngħid jekk din il-fissazzjoni kenitx kawża tar- reazzjoni tiegħi għall-antagoniżmu u l-antipatija li kienu juru dawk li kienu kontra l-Malti jew l-effett tas-simpatija li kelli għal min kien favur tiegħu.

Naf żgur, imma, li din is-simpatija tiegħi għas-sur Pisani u għall-*avocatino*, kibret miegħi u saret ammirazzjoni. Il-kitbiet tiegħu, proża u poeżija, kienu jaffaxxinawni.

Darba xi ħames snin wara – niftakar kien għadu kemm beda jaħdem ta' avukat – kont mort l-uffiċċju tiegħu fi strada Palma u urejtu kopja ta' "Leħen il-Malti", Sett.-Diċem. 1944, għadd 163-166.

Wiċċu xegħel! "Niftakarha," qalli. "Il-poeżija 'Bħal Raġel Iblah' hux? Kont ktibtha f'mumenti ta' diżillużjonijiet. Għalhekk kont ġejt nuriha lis-sur Pisani qabel nippubblikaha dak inhar li sibtek barra l klassi".

U komplejna nitħaddtu fuq elf ħaġa. L-iktar fuq żmienu. Kienet dinja differenti ta' tfulitu. Ta' Kerċem ta' qabel l-aħħar gwerra dinjija. 'Kemm kienet aktar sabiħa!' tennieli b'nostalġija. Ir-riħa tal-baqar ta' Ġurġi tal-Borġ! Dun Mikilonġ jitbandal tielgħa l-knisja kmieni filgħodu! U l-bqija kwiet. U l-beraħ tal-Lunzjata kif tiftaħ it-tieqa. Imbagħad jgħaddi ta' Brende jew tal-Mozz iħabbtu bieb bieb għall-bajd. L-anqas ruħ ma kont tara barra.

U fis-sajf fl-għaxijiet ix-Xlendi. Ma' bieb ta' xi remissa. Kif jgħid fl-istejjer li kien jikteb f' "Leħen il-Malti". "U xi erba' bdiewa mitfugħin fl-art" jirrakkontaw. U Dun Indrì ħdejhom, "jixxengel fuq pultruna qadima", jisma'. Kultant jidħak u jieħu nifs tabakk 'minn pipa tal-fuħħar b'qażba twila fiha'.

'U magħhom kont inkun hemm jien,' qalli l-avukat Calleja. "Darba rrakkontajtilhom l-istorja tal-*Mutiny on the Bounty*. Imma lilhom ma kienux jinteressawhom l-istejjer Ingliżi. Iktar kienu jisimgħu lil Salvu jgħid fuq Nikol tax-Xlendi".

Anton, imma, kien miklub fuq il-letteraturi barranin. L-iktar dik Russa. Lil Ibsen fost kollox. Għadha f'moħħi t-traduzzjoni li għamel tad-'Dar tal-Pupa' tiegħu.

Imbagħad, staqsieni għalfejn kont mort għandu.

"Għall-parir tiegħek," għidtlu. U rrakkontajtlu l-istorja tiegħi.

"Komplikata!" qalli b'ċerta ironija.

Imbagħad ġibidni lejh kważi ħalqu f'widnejja. "Ifhimni sew!" kompla qalli: "Il-Qorti u l-iskola huma għajn ta' għerf. Fit-tnejn tikber u titgħallem. Fl-iskola ġol-klassi. Biex taqra u tikteb. Fil-qorti barra l-awla. Biex taħseb u tirraġuna. Isma' minni! Jekk għandek il-bżar troxxux fuq l-avukati!"

Fhimtu. Parir ta' avukat onest, bniedem li l-kodiċi tal-ħajja tgħallmu m'għand ommu d-dar, mhux fl-awli tal-Qorti jew fl-università.

U hekk baqa'. Avukat ġenwin, skond lis-*Statuti della Camera degli Avvocati*. Imma raġel qabel kollox.

Il-Kardinal Newmann kien għalih is-surmast. Bi preċetti preċiżi: "L-irġulija ma tieħu qatt vantaġġ fuq l-injoranza jew in-nuqqasijiet ta' l-oħrajn". U kompla jikkwotali: "Jekk bniedem intelliġenti jkollu xi jgħid, l-intelliġenza tiegħu stess ma tħallihx jgħajjar jew jaqa' f'livelli ta' min hu inqas intelliġenti minnu. Ħalli naqralek x'kiteb preċiż". U fetaħ *The Idea of a University* u qrali dawn iż-żewġ versi: '*He may be right or wrong in his opinion: but he is too clear-heared to be unjust. He is simple as he is forcible; and as brief as he is decisive.*'

Għalhekk l-avukat Calleja kien profil baxx f'kollox. Minkejja d-dehen u l-iskola li tgħallem. U minkejja l-ħidma tiegħu bla waqfien fl-Għaqda Inkapaċitati Għawdxin u fiċ-*Circolo Gozitano*. Anton kien jara lil kulħadd indaqs. Fil-professjoni u fil-politika.

Min jafu bħala viċi-kap tal-Partit Għawdxi għandu mnejn jiftakar kemm kien jitgerrex f'attivitajiet politiċi. Lil pajjiżu kien iħobbu. Jixdhulu l-kitbiet tiegħu f'*Leħen Għawdex* u l-interventi li kien jagħmel fil-Parlament favur l-Għawdxin. Biex iżomm dal-profil baxx lanqas ministeru ma ried jaċċetta.

Kien meqjus anke fi kliemu. Kullimkien. Kif kien qal Joe Vella Muscat fl-apprezzament tiegħu: "Fis-swali tal-biljard u tal-logħob, Anton kien dejjem ferħan – sew jekk jirbaħ u sew jekk jitlef – dejjem kien '*a good loser*'." Qatt żorr ma' sħabu minkejja li mhux dejjem kienet togħġbu l-kumpanija ta' xi wħud minnhom. Anzi, ħafna drabi ċajtier u dejjem – kif kienu l-poeti Romantiċi Ngliżi tas-seklu Dsatax – jara dak is-*silver lining* f'kull sħaba sewda li kienet tinġema fix-xefaq ta' ruħu.

Li kien faċli għalija nidentifika din ruħu ma' surtu u lil Anton Calleja nikklassifikah b'mod xjentifiku, kont ngħid li hu 'żiemel', *equus cubullus*. Għax b'saħħtu, doċli, fuq tiegħu, b'demm Marokkin tad-deżert; jaf jittrottja u jiggalopja bħall-aqwa żwiemel tad-*Derby*; u jaf jimxi b'maestrija qisu tal-kavallerija tar-*Royal Home Guards*.

Niddiskrivih b'lingwaġġ metaforiku. Għax dan hu l-lingwaġġ li jogħla fil-ħsieb. Kif għamel hu stess fil-poeżija. Fettex lilu nnifsu 'bħal raġel iblaħ', u ġera wara l-hena u meta ma jsibhiex ma jaqtax qalbu. U reġa' ħareġ ifittixha.

Mhux kulħadd, iżda, fehmu. U għaddew minn fuqu qishom 'dhejjeb imġewħa'. U kif beka meta 'bi qrunhom' ġerrħulu ġismu!

Tidħol f'ruħi dik il-karba tiegħu. Għax magħha nisma' d-diwi ta' oħrajn, Għawdxin kbar bħalu, ifittxu l-hena. Għalihom, imma, xejn. Imkien tifkira!

U nistabar fi vrus Anton mimlija tama nisranija. Għax minkejja li 'mbenġel u għajjien' meta sama' li l-hena:

'rawħa fuq ix-xefaq tissiefaq fi nżul ix-xemx,
bħal wieħed miġnun jien erġajt ħriġt mill-ġdid
u lmaħtha ma' Kristu għaddejja fuq il-mewġ
ma' miġnun ieħor!'

Min kien dan il-miġnun l-ieħor Anton ma jgħidilniex. Ma niżbaljawx wisq, imma, jekk naħsbu li kien San Franġisk li bħalu kien ħareġ ifittex l-hena u li bħalu lemaħha mgħannqa ma' Kristu għaddejja fuq il-mewġ ta' l-hemm u t-tbatija!


**TROPICAL FOREST**

**Aquarium, Pet & Garden Centre**



Mġarr Road, Xewkija,
Gozo - Malta.
Tel: 2156 3805
Mob: 9986 4255

## Passiġġata Biblika -2

# "...Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih" (Ġw 2:11)

# IL-MIRAKLI TA' KRISTU FIL-VANĠELI

minn Fr. Charles Buttigieg

***Il-kelma proprja griega għall-miraklu hija '*semeion*'[1] li tfisser sinjal li jgħin il-perċezzjoni. Il-kelma tirreferi wkoll għall-azzjoni mirakuluża li tmur kontra l-kors normali tan-natura u għalhekk din l-azzjoni sservi bħala sinjal.***

It-terminu lhudi huwa '*mopheth*'[2] li jfisser azzjoni simbolika li hija ttradotta fil-grieg bħala '*teras*' li tfisser sinjal tal-għaġeb kif naraw f'Mk.13:22, f'Ġw.2:11 u f'Apok.13:13.[3] Fil-Vanġeli Sinottiċi l-kelma griega wżata għall-miraklu hija '*dunamis*'[4] li tfisser att ta' qawwa. F'San Ġwann insibu l-kelma '*semeion*' u '*ergon*' li tfisser opra.[5]

Fit-Testment il-Qadim insibu ftit mirakli eżerċitati minn persuni ndividwali. Huwa Alla li jagħmel il-mirakli għall-poplu kollu.[6] Insibu xi ġrajjiet ta' mirakli privati fl-Ewwel u t-Tieni Ktieb tas-Slaten, magħmula minn Elija u Elizew. Kien għalhekk lil Ġesù ħasbuh bħala t-tieni Elija. Nagħtu ħarsa issa lejn il-mirakli fil-vanġeli.

### Fis-Sinottiċi

Fil-vanġeli ta' San Mattew, San Mark u San Luqa, il-mirakli mhux biss jokkupaw parti sostanzjali tal-kontenut imma wkoll jagħmlu parti mill-messaġġ ta' kull vanġelu. Per eżempju fil-vanġelu ta' San Mark, il-mirakli jokkupaw 30% tal-kontenut tal-vanġelu, fejn insibu 209 vers minn 666 vers li għandhom x'jaqsmu mal-mirakli.

Skond it-tradizzjoni sinottika r-rejazzjoni ta' Kristu għat-talba tal-mirakli narawha ċara biżżejjed. Naraw dejjem l-istess attitudni ta' Kristu, li jinjora t-talba tal-opponenti tiegħu għal xi miraklu. F'Mattew, insibu din ir-risposta ċara ta' Kristu; "Nisel ħażin u żieni jitlob sinjal, imma ma jingħatalu l-ebda sinjal, ħlief is-sinjal ta' Ġona l-profeta. Bħalma dam Ġona f'żaqq il-ħuta tlitt ijiem u tlitt iljieli, hekk idum Bin il-bniedem fi ħdan l-art tlitt ijiem u tlitt iljieli" (Mt.12:39-40, ara wkoll Lq. 11:29.). San Mark jippreżenta r-reazzjoni ta' Kristu għat-talba ta' xi sinjal b'mod l-iktar qawwi kif insibu; "Għalfejn jitlob dan-nisel sinjal? Ngħidilkom is-sewwa, ma jingħata l-ebda sinjal lil dan-nisel. U ħalliehom, tela` fuq id-dgħajsa u reġa` mar in-naħa l-oħra" (Mk. 8:12-13). Il-mirakli tal-eżorċiżmu u tal-fejqan mhumiex biżżejjed għall-Fariżej. Għalihom dawn mhumiex prova biżżejjed tal-awtentiċità ta' Kristu fil-missjoni tiegħu. Iżda Kristu radikalment jinjorahom u mal-ewwel iwarrabhom għax ma jaċċetawhx lilu bħala l-milja tar-rivelazzjoni li tiżboq kull sinjal ieħor fuq l-art.[7] Għalhekk mela Ġesù jitlob dejjem il-fidi quddiem il-miraklu kif naraw tajjeb f'Lq. 8:48; 17:19 u 18:42.

Naraw ukoll li l-mirakli ta' Kristu huma marbuta mas-Saltna t'Alla. Dan l-iskop nistgħu narawh f'Lq.11:20; "Jekk bis-saħħa tal-ħila ta' Alla noħroġ ix-xjaten, mela waslet fostkom is-saltna ta' Alla."[8] Dan hu l-element l-iktar predominanti fis-Sinottiċi. Huwa f'dan il-kwadru li naraw il-mirakli ta' Kristu bħala arma li tirbaħ dejjem lis-saltna ta' Satana. Dan il-kunċett juri lill-mirakli bħala rebħa fuq is-

---

1 Ara "semeion", in *New American Standard Exhaustive Concordance of the Bible. Hebrew-Aramaic and Greek Dictionaries, ed.* Robert L. Thomas, Nashville 1981, 1681.
2 Ara "mopheth", in *New American Standard Exhaustive Concordance of the Bible. Hebrew-Aramaic and Greek Dictionaries,* 1545.
3 *Greek - English Dictionary of the New Testament,* ed. Barclay M. Newman, Stuttgart 1993. Fil-Gdid Testment l-kelma griega '*teras*' insibuha darba biss f'Atti.2:22.
4 Ara "dunamis", in *New American Standard Exhaustive Concordance of the Bible. Hebrew-Aramaic and Greek Dictionaries,* 1644.
5 *The New Jerome Biblical Commentary,* eds. Raymond E. Brown – Joseph A. Fitzmyer - Roland E. Murphy, London 21990, *1369.*
6 *FRANZ KAMPHAUS, The Gospels for preachers and teachers, London 1974, 114.*
7 Ara Mk. 8:13.
8 FRANZ KAMPHAUS, 156-160.
9 *The New Jerome Biblical Commentary,* 1372.



saltna tal-ħażen u it-twaqqif tal-qawwa ta' Alla.9 Infatti fil-miraklu tat-tempesta Ġesù juża l-istess verb grieg '*epitimao*' biex iwaqqaf ir-riħ bħal meta keċċa x-xjaten u ssikket il-baħar bl-ordni '*phimoo*', l-istess ordni li juża għax-xitan f'Mk.1:25. Din l-espressjoni ultima tat-trijonf tas-Saltna fuq dik tax-xitan narawh fl-ikbar miraklu, dak tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu.

### *F'San Ġwann*

F'San Ġwann, il-Lhud jagħmlu żewġ tentattivi biex jitolbu sinjal (*semeion*) minn Kristu. Darba minnhom meta keċċa l-bejjiegħa mit-tempju fejn il-Lhud qalulu; "Liema sinjal turina biex tagħmel dan? Wieġeb Ġesù u qalilhom: Ħottu dat-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' nwaqqfu" (Ġw. 2:18) u darba oħra wara li għamel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u talbuh sinjal mis-sema (6:30ff). F'dawn iż-żewġ ġrajjiet ir-rejazzjoni ta' Kristu hija l-istess bħal dik li nsibu fis-sinottiċi, huwa nnifsu huwa s-sinjal u għalhekk ma hemmx bżonn ta' sinjali oħra. Kristu jitlob mela l-fidi quddiem il-miraklu.

### *Il-Karattru Kerigmatiku tal-Mirakli*

Jeżistu verżjonijiet differenti tal-istess miraklu fil-vanġeli. Dan għaliex kull evanġelista għandu l-mod u l-enfasi partikulari tiegħu minkejja li l-fonti prinċipali jista' jkun l-istess. L-awturi sagri mhumiex interessati li jagħmlu bijografija ta' dawn l-għeġubijiet straordinarji. Huma jridu jagħmlu enfasi fuq il-'kerigma', li jxandru lil Kristu Rxoxt. Kristu li wettaq l-ikbar miraklu miegħu innifsu, dak tal-Qawmien tiegħu mill-mewt fit-tielet jum u għalhekk huwa 'Ħaj' qalb il-kommunità.

'Ġesù ta' Nazaret ħaj u preżenti fil-kommunità kienet il-predikazzjoni li riedu jwasslu; "U ara, jien magħkom sa l-aħħar tad-dinja." (Mt. 28:20). Huwa hawnhekk niskopru l-valur u l-awtorità tal-vanġeli, l-awturi bħala xhieda ta' din it-tradizzjoni bikrija li qegħda tgħix l-esperjenza ta' Kristu Ħaj. Il-mirakli huma testimonjanza tal-fidi fi Kristu. Meta wieħed jemmen fi Kristu permezz tal-miraklu, il-miraklu jilħaq il-qofol tiegħu.

### *Konklużjoni*

Mela rajna li l-miraklu jservi bħala strument tar-rivelazzjoni tas-Saltna t'Alla. Dan hu l-iskop primarju tal-mirakli fis-sinottiċi sabiex juru d-dominju ta' Alla fuq il-bniedem u fuq in-natura. Il-mirakli huma għalhekk parti mill-'kerigma' u jinvolvu primarjament l-att tal-fidi. Infatti Ġesù bosta drabi juri din l-importanza tal-fidi; "Twemminek fejqek." (Lq. 8:48). Hija din il-fidi li taċċetta d-dominju ta' Alla. Hija f'din id-dimensjoni ta' fidi li l-mirakli jilħqu r-relevanza tagħhom mal-bniedem fil-laqgħa tiegħu m'Alla. Hu għalhekk proprju aħna llum elfejn sena wara, nistgħu nesperjenzaw dawn l-istess mirakli ta' Kristu li ġie biex isalva l-bniedem ta' kull żmien mid-dnub u jagħtih id-don tal-fidi sabiex jaċċettaH bħala t-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

***Biblijografija***

BROWN RAYMOND, *New Testament Essays*, New York 1965.

*Greek - English Dictionary of the New Testament*, ed. Barclay M. Newman, Stuttgart 1993.

KAMPHAUS FRANZ, *The Gospels for preachers and teachers*, London 1974.

MONDEN L., *Signs and Wonders: A study of the miraculous elements in Religion,* New York 1966.

*The New Jerome Biblical Commentary*, eds. Raymond E. Brown - Joseph A. Fitzmyer - Roland E. Murphy, London 21990.

*New American Standard Exhaustive Concordance of the Bible. Hebrew-Aramaic and Greek Dictionaries*, ed. Robert L. Thomas, Nashville 1981.






# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

# Il-Marda tal-Parkinson

Illum ser nitkellmu dwar marda li ma tantx hija komuni. Minkejja dan, dan l-aħħar issemmiet diversi drabi fil-medja peress li l-Papa preżenti jgħidu li jbati minn din il-marda. Il-marda tal-*Parkinson* hija marda kronika u progressiva tan-nervitura tal-ġisem li għandhom x' jaqsmu mal-movimenti. Għalhekk is-sintomi ta' din il-marda primarjament għandhom x' jaqsmu mal-moviment.



Hekk is- sintomi prinċipali huma:

Ir-rogħda.

L-ebbusija tal-ġisem.

In-nuqqas ta' moviment, fis-sens li kull ħaġa li jagħmel dak li jkun jieħu l-ħin biex jagħmilha.

Ikun hemm nuqqas ta' bilanċ u diffikultà biex timxi.

Il-marda nsibuha f' wieħed min kull elf persuna tal-popolazzjoni u sa anke f' wieħed f' kull 100 persuna fin-nies ta' 'l fuq minn 60 sena. Minkejja dan ıl-marda tısta' taħkem lıl mın huwa ızgħar anke minn 40 sena 'l fuq. Għalhekk mhux tant rari, anzi pjuttost komuni.

Il-marda tissejjaħ *Parkinson* għax kienet deskritta għall-ewwel darba mill-Kirurgu Ingliż *James Parkinson* fil-1817. *James Parkinson* twieled Londra fil-1755. Missieru kien jipprattika l-Kirurġija u James għall-ewwel studja l-lingwi klassiċi jiġifieri l-Grieg u l-Latin flimkien mal-filosofija u x-xortħend. Huwa kien jinteressa ruħu fil-qagħda soċjali ta' dak iż-żmien u kien isemma leħnu ta' spiss fuq diversi ixjus bħal gwerra, il-faqar, ir-revoluzzjoni u l-edukazzjoni. Meta kiteb l-ewwel darba dwar din il-kundizzjoni huwa sejħilha: – *Shaking Palsyx* naturalment għax propju min ikun milqut minn din il-marda ikollu r-rogħda u nuqqas ta' moviment. B' xorti ħażina ma għandna l-ebda pittura jew xbiha ta' *Parkinson.*

Bażikament li jiġri hu li fil-moħħ ikun hemm nuqqas ta' sustanza li tissejjaħ *dopamine*. In-nuqqas ta' din is-sustanza ma nafux għaliex preċiż iseħħ iżda minħabba n-nuqqas tagħha jkun hemm nuqqas ta' koordinament fil-movimenti, il-muskoli u l-ġogi jsiru iebsin u dak li jkun ikollu diffikultà biex jitħarrek.

Irridu niftakru li l-movimenti kollha ta' ġisimna huma kkontrollati mill-moħħ permezz tas- sistema nervuża li tikkonnetja lill-moħħ ma' kull parti ta' ġisimna li tiċċaqlaq. Meta jkun hemm nuqqas ta' din is-sustanza l-messaġġi mill-moħħ għan-nervitura tal-ġisem ma jkunux jistgħu jgħaddu u għalhekk jirriżulta nuqqas ta' moviment.

Il-kawża propja ta' din il-marda ma nafuhiex. Għaliex il-moħħ ma jibqax jifforma *dopamina* għadna ma nafux, biss tista' tkun xi forma ta' infezzjoni minn xi *virus* li jattakka ċerti partijiet tal-moħħ li għandhom x' jaqsmu ma' din is-sustanza.

Min-naħa l-oħra l-marda tista' tkun kawżata artifiċjalment minn ċerti pilloli li jittieħdu għal mard

ieħor. Għalhekk tista' tkun kawżata bħala sajdeffekt ta' mediċini.

Ta' min igħid ukoll li din il-marda hija komuni f'nies li kienu boxers u għalhekk qalgħu ħafna daqqiet fuq rashom. Huwa magħruf li jekk tlaqqat ħafna daqqiet fuq rasek tista' tiżviluppa din il-kundizzjoni. Għalhekk jgħidhulu - *punch-drunk syndrome*- .

Anke ċerti tumuri fir-ras jistgħu jwasslu għal sintomi bħal ta' din il-marda.

Dwar id-dieta tajjeb li ngħidu li l-użu taz-zokkor fl-ikel u l-pestiċidi jista' iżid l-inċidenza ta' din il-marda.

Anke l-użu tal-*ecstasy* jista' jwassal għal din il-marda.

Studji oħrajn urew li min jixrob ammont sostanzjali ta' alkoħol u jpejjep għandu inqas ċans li jimrad b' din il-marda!! Imma ferm iktar ċans li jimrad b' mard ieħor.



Żewġ terzi tal-persuni li kellhom din il-marda juru l-ewwel sintomi meta jkollhom bejn il-50 u s-60 sena. Għall-ewwel is-sintomi jkunu minimi u jridu jgħaddu bejn sentejn jew tlieta qabel ma' jidher ċar li dak li jkun ser jiżviluppa din il-marda.

L-ewwel sinjal jew sintomu biex imur għand it-tabib huwa r-rogħda. L-ewwel li tinvolvi huma s-swaba ta' l-idejn u imbagħad tinvolvi d-driegħ kollu. Fl-aħħar ir-rogħda tmur fl-ilsien u fir-riġlejn ukoll. Ir-rogħda hija partikulari fis-sens li ssibha waqt li l-id tkun mistrieħa. Jekk l-id tkun okkupata x' aktarx ma jkunx hemm rogħda. Kwalunkwe stress jew sitwazzjoni imbarazzanti żżid ir-rogħda. Sintomu ieħor huwa l-ebbusija tal-ġisem biex jiċċaqlaq u n-nuqqas ta' moviment.

Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar il-pazjent isibha diffiċli biex jimxi u jżomm il-bilanċ speċjalment meta jiġi biex idur jew biex iqum jew joqgħod bil-qiegħda. Il-passi li jagħmel ikunu qosra u saqajh jibqgħu ma' l-art u allura jkaxkar saqajh waqt il-mixi. Fl-istadji avvanzati l-pazjent lanqas ikun jista' jitkellem u jsir totalment jiddependi minn oħrajn.

Ta' min igħid li l-moħħ jibqa' tajjeb. Huwa għalhekk forsi li l-Vatikan qatt ma' qal uffiċjalment li l-Papa jbati minn din il-kundizzjoni għax bħalma jaf kulħadd il-moħħ tal-Papa għadu tajjeb. Min-naħa l-oħra titħassar lil Papa tarah bilkemm jiċċaqlaq u l-ħin kollu fuq il-*wheelchair* u bilkemm jiftiehem meta jagħmel xi diskors.

Sfortunatament kura li tfejjaq din il-marda għad ma hemmx. Il-mediċini li nużaw huma kollha biex itaffu s-sintomi ta' din il-marda u mhux biex ifejjquha. Għalhekk il-kura tiddependi mit-tip ta' sintomi li wieħed ikollu. Jekk ir-rogħda hija l-iktar sintomu li jidher allura jingħataw pilloli biex inaqqsu r-rogħda. Jekk in-nuqqas ta' moviment u l-ebusija l-iktar li qed jagħtu sintomi rridu nagħtu pilloli li jżidu dawn. Għalhekk irid jkun hemm ċertu bilanċ għax dawn is-sintomi huma kontra xulxin. Biss il-kura bażika ta' din il-marda hija l-mediċini li jkun fihom is-sustanza tad-*dopamine* li kif għedna fil-bidu hija nieqsa f' din il-marda.


*Ta' Pawlu*



**Bar & Restaurant**

*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382

**4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.**

**LANTERN**

**Guest House**
**Restaurant • Pizzeria**
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




# *Maratona Sportiva ta' 36 siegħa ta' suċċess*

**Fl-aħħar weekend ta' Ottubru, il-kumpless sportiv tas-Seminarju kien impenjat mhux ħażin b'attività sportiva ta' 36 siegħa. Fil-kumpless sportiv tas-seminarju ġiet organizzata maratona sportiva b'għan nobbli u speċjali b'risq il-missjoni "Madonna ta' Pinu" fl-Albanija.**

Il-missjoni "Madonna ta' Pinu" f'Mummurras hija l-missjoni mmexxija mis-saċerdot għawdxi Dun Manwel Cutajar li qegħda taħdem ma' l-ifqar fost il-fqar fl-Albanija. Bħalissa f'din il-missjoni qed isiru t-tħejjijiet għal bidu ta' proġett ta' ċentru soċjo-pastorali li jinkludu knisja ddedikata lill-Madonna ta' Pinu u żona sportiva għat-tfal u ż-żgħażagħ ta' din il-lokalità. Għalhekk il-*management* tal-kumpless sportiv tas-seminarju ħass il-ħtieġa li jgħin din il-missjoni ta' l-Albanija b'dan il-mod. Il-logo uffiċċjali tal-Maratona "Għin biex trebbaħna" u d-diska ufficcjali tal-maratona jagħtu ċerta identità lil din il-maratona fejn tistieden lill-kulħadd biex jgħin kif jista' lil dawk li jinsabu f'xi problema u jgħinhom jirbħu l-problema li jinsabu fiha. "Għin biex trebbaħna" kien il-motto li ħeġġeġ tant żgħażagħ jieħdu sehem biex bil-ftit tagħhom jgħinu żgħażagħ oħra li jinsabu fil-missjoni jirbħu ftit mill-problemi tagħhom u bil-ftit flus li ser jintbgħatu ikunu jistgħu jinbnew faċilitajiet għalihom ukoll.

Il-maratona propju fetħet fit-8.00 ta' filgħodu tas-sibt 30 ta' Ottubru meta grupp ta' atleti telqu mill-Imgarr b'ġirja bit-torċa lejn il-kumpless sportiv tas-Seminarju. Wara li nxtelgħet l-urna, Fr. Michael Said id-direttur tal-Kumpless sportiv tas-Seminarju flimkien mar-Rettur tas-Seminarju Dun Anton Teuma kkonċellbraw quddiesa għall-atleti kollha.

Il-maratona kompliet b'diversi *tournament* tal-



*football* għall-gruppi ta' l-abbatini, tal-vokazzjonijiet, għan-*nurseries* ta' l-under 8's, 10's u 12's, *aerobics, Handball, billiard, Table-Tennis* u anke *Playstation competions* sa tard bil-lejl tas-sibt. Mal-lejl gew organizzati *tornaments* tal-*Football* u tal-*volleyball* għaż-żgħażagħ. Fit-8.00 ta' filgħodu tal-Ħadd komplew tournaments għall-under 14's, għall-over 30's u wara nofs inhar *Basketball tournaments* għas-subien u għat-tfajliet. Tard bil-lejl ġew organizzati *tournaments* għall-membri u studenti li jattendu l-Museum ta' diversi rħula Għawdxin. Ta' min isemmi li f'din il-maratona ħadu sehem madwar 700 atleta maqsuma f'84 tim. Minbarra dawn l-attivitajiet sportivi








inżammet *car wash* quddiem l-*Arcadia* fejn komplew jinġabru fondi għal din il-maratona. Din is-sena l-kumitat organizzattiv nieda *website* : *http:/ /www.seminarygym.org* .Fost ir-rebbieħa tat-*tournaments* insibu lil l-Abbatini ta' Sant Anton Abbati, Vokazzjonijiet tan-Nazzarenu, U/10 : *Oratory Youths*, U/12 : *Oratory Youths*, U/14 : *Kercem Ajax, All Ages : Red Boys Juniors, Over 30's : Xagħra Old Boys, Volleyball : Bayern, Basketball : Black Knights*

Minbarra dawn l-attivitajiet sportivi, il-kumitat organizzattiv ħa ħsieb itella żewġ serati ta' spettaklu għall-familja kollha. Fis-serata tas-sibt ppreżentata minn Maureen Buttigieg u Joe Louis Xiberras, giet organizzata "*Battle of the Bands*", *Fashion show* minn *"Naupaca"* u ħadu sehem diversi kantanti Maltin u għawdxin fosthom Miriam Christine, "*The Young Talent Team*", "*Annette Mystic Dancers*", Audrey Bartalo, *Ciccio d clown*, Christabel Bajada u oħrajn. Is-serata finali ppreżentata minn Joe d-dulli u Veronika saret il-Ħadd filgħaxija fejn ħadu sehem Debbie Xerri, Glenn Vella, Pamela Bezzina, Teddy Zammit, Margaret Borg, Roberta Cassar, "*The Creative Theatre Club*", "*Body Art Dance Grupp*", "*Rhytmic energetix*", Ylenia Caruana, Ronald McDonald show u l-grupp famuż Cats.

L-attendenza waqt iż-żewġ serati kienet waħda numeruża u waqt dawn is-serati ttellgħu diversi *spot prizes* u anke tqassmu t-*trophies* lit-timijiet rebbieħa ta' kull *tournament*. Ta' min isemmi li din il-maratona ġibdet diversi personalitajiet distinti fosthom l-*ispeaker* tal-kamra tar-rappreżentanti, il-ministru għal Għawdex, kif ukoll diversi membri Parlamentari.

Din il-maratona kienet waħda ta' suċċess fejn il-pubbliku attenda bi ħġaru, ħadu sehem 700 atleta, ħadu sehem diversi kantanti u żeffiena Maltin u Għawdxin u anke kienu diversi dawk il-voluntiera li taw l-għajnuna tagħhom. Bħala donazzjonijiet inġabret is-somma ta' madwar LM 2500.

Il-kumitat organizzattiv jixtieq jirringrazzja lill-atleti, lill-voluntiera u r-*referees* kollha, lill-pubbliku li attenda u ta s-support tiegħu u b'mod speċjali jixtieq jirringrazzja l-*isponsors* ewlenin fosthom Karkanja LTD Property Developments, Abraham's supplies Co LTD, Palazzo Margerita, Dr Tek computers, Mr Clean, Maltacom, HSBC u McDonalds.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Is-saħħara li trid titla' fil-Parlament*

Saħħara Rumena trid tirbaħ siġġu fil-Parlament ta' pajjiżha u għal dan il-għan qalet li lesta tuża kull sigriet maġiku li taf. Is-saħħara jisimha Timisoara u toqgħod fi Craiova. Se tikkontesta l-elezzjoni għas-senat f'isem l-Alleanza għall-Għaqda taż-Żingari Rumeni. Fost il-kanvasers tagħha hemm mill-anqas 25 saħħara oħra, lkoll preparati biex jużaw dak kollu li jafu biex itellgħu lil Timosoara.

### *Jitlef imħatra u jqatta lejl fuq siġra*

Bħal ħafna nies, Brian Anderson se jsibha bi tqila biex jinsa l-aħħar elezzjoni presidenzjali Amerikana. Madankollu Anderson se jiftakarha għal-lejl li kellu jqatta bilqiegħda fuq siġra. Anderson tant kien ċert li John Kerry kien se jirbaħ l-elezzjoni li għamel imħatra ma' ħabib tiegħu li jekk ma jitlax Kerry kien se jqatta' lejl fuq siġra fis-*Central Park.* L-imħatra tilifha u l-lejl li qatta' fuq fergħa ta' siġra fis-*Central Park* ta' New York mhu se jinsieh qatt.

### *Tfal imqabbdin bħala konsulenti*

Fabbrika tal-ġugarelli f' Beijing qed tqabbad tfal, ta' bejn sentejn u 14-il sena, bħala konsulenti. Huma iżjed minn 800 it-tfal li applikaw għal dan ix-xogħol fil-kapitali Beijing. Dawk li qed jiġu magħżula qed jingħataw kuntratt ta' sena, li matulha se joffru l-ideat tagħhom dwar x' jagħmel ġugarell popolari, mit-tfal għat-tfal!

### *Il-ħalliel li ħalla r-ritratt tiegħu warajh*

Jordan Barnes mhux l-iżjed ħalliel makakk. Daħal f'dar f'Sunderland, seraq £56, żewġ telefons ċellulari u flixkun vodka, u ħarab. Madankollu hu u ħiereġ bi żball waqqa' ċ-ċwievet tad-dar tiegħu u fuq il-*keychain* kellu r-ritratt tiegħu bil-kliem *Jordan Barnes The Best!* Siegħa wara s-serqa Barnes kien arrestat. It-tliet snin li ġejjin se jqattagħhom il-ħabs, iħares lejn is-sabiħ wiċċu li għandu fil-*keychain*!

### *Tebut bis-sistema ta' l-alarm... għal min jindifen ħaj!*

Pensjonant li l-ikbar biża tiegħu hi li jiġi midfun ħaj, għadu kemm investa f' tebut mgħammar b' sistema ta' l-alarm. Angel Hays għandu 87 sena u ilu jbati mit-*taphephobia* (biża li tiġi midfun ħaj) minn meta kellu 20 sena. Issa m' għandux inkwiet għaliex it-tebut tiegħu lest u jekk jindifen ħaj jista' jagħfas buttuna u permezz tagħha jinforma lill-qrabatu li sitt piedi taħt l-art hemm hu ħaj. Fit-tebut hemm ukoll ħażna ta' ilma, xi ikel, sistema ta' ventilazzjoni u *mini-bar* li jinkludi x-xarba *Ouzo,* il-favorita ta' Hays... X'konsolazzjoni għal min jibża' mill-mewt!



## DAK LI DARBA KIEN IĊ-ĊIMITERJU "TAL-FRANĊIŻI"

**Iż-żgħar tal-lum ftit jafu li fejn illum hemm il-'*ground/parking*' tal-Oratorju Don Bosco fir-Rabat, darba kien ċimiterju famuż, imsejjaħ "Tal-Franċiżi". Dan ir-ritratt, meħud 60 sena ilu, jagħtina dehra ta' Pjazza Sant'Wistin u ta' parti kbira minn dak iċ-ċimiterju, li tiegħu baqa biss xi lapidi. Fejn huma?**

# M. & L. REFALO Ltd.

60, Racecourse Street, Xaghra, Gozo.
Tel: 21552855 • Fax: 21563740 • Mobile: 9947 5855
Website: www.mlrefalo.com
E-mail: mlrefalo@melita.net • service@mlrefalo.com

WITH REMOTE CONTROL



## SECTIONAL DOORS FOR GARAGES + Remote Control

FREE QUOTES

**WE ALSO PRODUCE ALL TYPES OF ALUMINIUM & DOUBLE GLAZING**




"Uliedna jeħtieġu tagħlim nisrani ċar u sod.
Qed nitilfuhom dritt wara l-Griżma..."
*- Korrispondent f'gurnal lokali*




# DISA' KOTBA ĠODDA TA' KATEKESI BAŻIKA GĦAT-TFAL







- **Għajnuna siewja għall-edukazzjoni u l-formazzjoni nisranija taċ-ċkejknin u ta' l-adolexxenti, mibnija fuq il-Katekiżmu l-Ġdid tal-Knisja Kattolika, b'adattament sod, sempliċi u modern.**
- **Sussidju kateketiku għat-tfal minn *Year One* sa *Year Six*, kif ukoll gwida għall-katekisti u l-ġenituri, bi tħejjija fundamentali għas-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof.**
- **Ippubblikati mil-"Lumen Christi Media Centre" ta' Għawdex, f'daqs komdu u *"in full colour"*, għall-prezz ta' Lm 1.05 il-wieħed biss. Jinkisbu mill-ħwienet tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex.**













